*Rivista Biblika li toħroġ kull xahrejn mill-Kummissarjat ta' L-Art Imqaddsa tal-Provinċja Franġiskana Maltija*

*Imwaqqfa fl-1955*

*Computer Setting:*
*Ġwann Abela ofm*

*Serje Ġdida*
*Vol 23 Nru 132*
*Novembru - Diċembru 2002*

*Editorjal ..................353*
*Avviż .......................354*
*L-Evanġelju skond San Luqa ..........355*
*Il-Familja Mqaddsa f'Betleħem ............365*
*L-Insara Palestinjani..........369*
*San Franġisk u s-Sultan (II) ....373*

*Editorjal ta' Twanny Chircop ofm*

# Ġrajjiet

Fix-xahar ta' Novembru jiena u Patri Ġorġ li huwa il-viċi Kummissarju sibna ruħna mill-ġdid Ġerusalemm, din id-darba għal konvenju tal-Kummissarji ta' L-Italja, Malta, Slovejna u Il-Polonja. Dan Il-konvenju jsirkull sena u f'postijiet diversi. Din is-sena ospitah l-istess Kustodju ta l'Art Imqaddsa Patri Giovanni Batistelli, u dan għamlu minħabba s-sitwazzjoni preżenti fl-Art Imqaddsa. Kien konvenju differenti mis-soltu, kien wieħed ta' oġġornament u ta' formazzjoni Biblika u kien miftuħ għal kulħadd. Fil-fatt kien hemm numru sabiħ ta' qassisin u anke ta' sekulari, mod partikulari dawk li jaħdmu qrib il-kummissarjati. Minkejja li kien ta' strapazz iżda kien interessanti u siewi. Il-grazzja ta' l-Art Imqaddsa hija li mhux biss jkun hemm lezzjonijiet Bibliċi fil-klassi iżda wieħed imur bi gwida speċalizzati fuq il-post. Hu dan li jagħmel it-Terra Santa differenti minn postijiet oħra, għax waqt li l-lezzjonijiet jistgħu jsiru kullimkien però li tmur ankè fuq il-post huwa biss karatteristika ta' l-Art Imqaddsa. Fil-konvenju però, barra l-ħin tal-lectures u l-excursions ma naqsux li jsiru laqgħat bejnietna l-kummissarji dwar is-sitwazzjoni preżenti fl-Art Imqaddsa, b'mod partikulari rigward is-santwarji u l-pellegrinaġġi.

Hija ix-xewqa ta' kulħadd li jerġgħu jibdew il-pellegrinaġġi. Il-Patri Kustodju talabna bil-ħniena biex nagħmlu xi ħaġa ħalli inkunu nistgħu nerġgħu nibdew il-pellegrinaġġi, għax is-Santwarji mingħajr pellegrini huma mejta, u l-patrijiet qegħdin isorfu ħafna minhabba dan. Ix-xewqa ta' kulħadd hija li nibdew mill-ġdid, però d-diffikultà hija ta' kulħadd l-istess, li minkejja li aħna nafu li l-pellegrinaġġi jistgħu jkomplu jsiru però in-nies huma imbeżża' (u ma tagħti tort lil ħadd). Dan minħabba l-media li hija ħafna iżjed qawwija mill-propoganda li nistgħu nagħmlu aħna, u li dejjem iffukatha fuq banda waħda: l-ġlied u l-bombi. Aħna dejjem qegħdin nittamaw għal żminijiet aħjar, għax it-tbatija hija enormi b'mod parikulari għall-bejjiegħa li sabu ruħhom il-ġurnata kollha jilagħbu l-karti u jittalbu biex xi ħadd jixtri xi ħaġa.

Waqt li konna hemm, nhar is-Sibt 9 ta' Novembru, saret ġurnata iddedikata lill-mibki u qatt minsi Patri Bellarmino Bagatti, arkeologu magħruf minn kulħadd. Huwa l-arkeologu li skava l-fdalijiet tar-raħal ta' Nażaret ta' żmien Ġesù. Patri Bellarmino kien biedem għaref iżda ta' umiltà kbira, professur maħbub ħafna mill-istudenti u missier ta' kulħadd; nistgħu ngħidu li kien wieħed mill-pilastri ta'l-istudju Bibliku Frangiskan. L-Aula Magna ta' l-SBF ġiet imsemmija għalih. Lapida tal-muzajk b'wiccu (maħduma mill-mużajċista Franco Sciorilli) u d-dedika ġiet mikxufa f'din l-istess okkażjoni. Patri Bellamino Bagatti huwa bniedem li ċertament immerita dan kollu.

Il-Milied huwa fil-qrib, u f'ewwel Sibt ta' Diċembru issa saret drawwa li nagħmlu l-"open day" fil-kummissarjat, kienet ġurnata sabiħa ħafna li għall-ewwel darba ltqajt ma' ħafna benefatturi ta' l-Art Imqaddsa li ġew biex jixtru bambini jew oġġetti oħra miġjuba mill-Art Imqaddsa u fl-istess ħin iġeddu l-abbonament fir-rivista' tagħna. Nieħu din l-okkażjoni biex nawgura l-Milied u s-Sena t-tajba lill-qarrejja u l-benefatturi kollha tar-risvista tagħna; jalla Ġesù Bambin, li twieled fl-Għar ta' Betleħem jitwieled fil-qalb tagħna. Inwegħdukom it-talb tagħna.

# *Kors:* Ir-Reliġjonijiet fl-Art Imqaddsa

# Jannar - April 2003

### *Organizzat mill-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa*

9 ta' Jannar 2003 **Il-Komunitajiet Insara fl-Art Imqaddsa - daħla**
16 ta' Jannar 2003 **Il-Komunità Abbissina**
23 ta' Jannar 2003 **Il-Komunità Armena (Ortodossa u Kattolika)**
30 ta' Jannar 2003 **Il-Komunità Assira, Persjana u Kaldeja**
6 ta' Frar 2003 **Il-Komunità Kopta (Ortodossa u Kattolika)**
13 ta' Frar 2003 **Id-Duttrina u l-Prinċipji Morali ta' l-Iżlam**
20 ta' Frar 2003 **It-Test tal-Koran: id-diviżjonijiet...**
27 ta' Frar 2003 **L-Iżlam u d-dinja moderna: sfida dejjiema**
6 ta' Marzu 2003 **Introduzzjoni għall-Ġudajiżmu**
13 ta' Marzu 2003 **Il-Festi tal-Lhud**
20 ta' Marzu 2003 **It-Talb tal-Lhud**
27 ta' Marzu 2003 **Il-Komunità Griega (Ortodossa u Kattolika)**
3 ta' April 2003 **Il-Komunità Maronita u Sirjana**
10 ta' April 2003 **Il-Komunità Kattolika u Protestanta**

Il-Kors isir kull nhar ta' Ħamis bejn l-10.00 u l-11.00am
b'ripetizzjoni fl-istess jum bejn is-6.00 u s-7.00pm
fis-**Sala Terra Sancta** Nru 7 Triq Santa Luċija, l-Belt.

### *Informazzjoni dwar il-Kors:*



Il-parti nisranija se ssir minn P. Gorg Aquilina ofm
*Storiku tal-Provinċja Franġiskana Maltija*
Il-parti Iżlamika se issir minn P. Joe Ellul op
*Lecturer fl-Università ta' Malta*
Il-parti Ġudajka se issir minn P. Twanny Chircop ofm
*Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa*

L-applikazzjoni għall-Kors trid tasal mhux aktar tard mill-5 ta' Jannar 2003.
Jiġu kkunsidrati l-ewwel 50 applikazzjoni għall-Kors ta' filgħodu
u l-ewwel 50 applikazzjoni għall-Kors ta' filgħaxija.
*Il-ħlas għall-kors kollu huwa Lm3.00 kull persuna.*

Kitba ta' Guido Schembri ofm

# L-Evanġelju skond San Luqa

*(Ikompli mill-ħarġa ta' Lulju)*

## Il-munita mitlufa (15,8-10)

It-tagħlima ta' dil-parabbola hija bħal ta' l-ewwel imma b'din id-differenza: it-tfittxija bil-għaqal tal-mara u l-ferħ tal-mara jfissru l-imħabba sentimentali li għandu Alla għal kull ruħ. Biex tiftiehem tajjeb il-parabbola, wieħed għandu jġib quddiem għajnejh id-drawwa tan-nisa Palestinjani li meta jiżżewwġu , ir-raġel jagħtihom għadd ta' muniti li jqegħidu fil-keffa tal-maktur li bih jgħattu wiċċhom; dawn il-muniti għandhom valur sentimentali u personali bħal ma għandu ċ-ċurkett taż-żwieġ għalina.

## L-iben ħali (15,11-32)

Din il-parabbola hija silta mill-iktar magħrufa tal-Bibbja u hemm min isejħilha "il-parabbola tal-Missier ħanin" għax turi l-imħabba bla qies tal-Missier. Fiha dawn l-istadji:

a) Id-dnub ta' l-iben li berbaq ġidu man-nisa tat-triq (11-13). L-għomor tat-tifel ifisser in-nuqqas ta' esperjenza. L-art imbegħda li mar fiha talludi għal post pagan, jew tad-dnub. In-nisa tat-triq huma figura tad-dnub. Il-ġid li ħela u li kien tah missieru hu xbieha tal-libertà u ta' kull ġid mogħti minn Alla lil kull bniedem. It-tberbieq ifisser l-ħajja moħlija u ħażina 'l bogħod minn Alla.

b) il-konverżjoni (14-20a.). Il-vrus 14-16 iġibu r-riflessjoni ta' l-iben meta waqa' l-ġuħ fil-pajjiż, in-nuqqas ta' mistrieħ fil-qalb tal-midneb. Dan il-ġuħ kien deni li sewa ta' ġid. Ix-xogħol fost il-ħnieżer (annimali mniġġsa għal-Lhud) ifisser l-umiljazzjoni kbira li taqa' fuq il-midneb. Il-ħarrub, ikel ta' l-annimali, li l-iben kien jixtieq u ma jsibx, ifisser il-faqar tal-midneb. Il-ħsieb li jmur lura għand il-missier u jitlob li jkun meqjus bħal lavrant juri l-istqarrija umli ta' vera konverżjoni.

ċ) Il-laqgħa tal-missier (20b-24). Din hi l-isbaħ biċċa tal-parabbola u turi l-imħabba bla qies ta' Alla għall-midneb. L-ilbies li l-missier ta lill-iben (ilbies ta' veru iben u mhux ta' lavrant) ifisser il-maħfra totali ta' Alla lil min jistqarr dnubietu u jisgħobbieh tassew. L-ikla u l-festa jfissru l-ferħ ta' Alla għal-midneb li jikkonverti.

d) Ir-reazzjoni ta' l-iben il-kbir li nkorla għax il-missier għamel festa lil ħuh (25-32) talludi għall-Fariżej li kienu jikkritikaw lil Ġesù għax ifittex il-midinbin.

## Il-parabbola ta' l-amministratur ħażin (16,1-13)

Barra l-vrus 16-18, il-kapitlu 16 jittratta dwar suġġett wisq għall-qalb ta' Luqa: dak dwar kif Ġesù jħares lejn il-ġid ta' din l-art.

Kien hemm sinjur li kellu amministratur li kien mixli li qiegħed iberbaqlu ġidu. Is-sinjur sejjaħlu, talbu kont ta' l-amministrazzjoni u qallu li ma kienx se jibqa' jamministralu ġidu. L-amministratur beda jaħseb x'sejjer jagħmel meta jitlef postu. Billi ma kienx jiflaħ jaħdem xogħol materjali, ħaseb li l-aħjar ikun li jagħmel ħabib ma' dawk li kellhom jagħtu. Għalhekk sejjaħ lil min kellu jagħti lil sidu u naqsilhom id-dejn tagħhom u ugħlhom iħallsu ħafna inqas milli kellhom jagħtu. Is-sid faħħar lill-amministratur diżonest mhux għall-att fih innifsu imma għall-għaqal ta' kif għamlu. It-tagħlima tal-parabbola hi li n-Nisrani għandu jisserva bil-għaqal bil-ġid materjali biex 'l quddiem jingħata l-ġid spiritwali u hena tas-sema.



Ir-ritratti kollha li jidhru f'dan l-artiklu huma tal-belt tas-Samarija

### Tagħlim ta' Ġesù (14-18)

Dawn il-vrus fihom tagħlimiet mhux marbutin flimkien loġikament imma storikament.

L-ewwel tagħlima hi dwar l-għemil ħażin tal-Friżej li bdew jiddieħku b'Ġesù. Kienu nies regħeba; kienu jagħtu karità biex jidhru min-nies imma mhux għal Alla li jara l-qalb.

It-tieni tagħlima hi dwar id-differenza bejn iż-żmien tat-Testment il-Qadim, meta il-poplu kien iserraħ fuq l-osservanza esterna tal-Liġi, u ż-żmien tat-Testment il-ġdid li jitlob sagrifiċċji kbar (vjolenza) għall-osservanza ta' l-Evanġelju.

It-tielet tagħlima hi dwar il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju li ma neħħa xejn mill-Liġi imma pperfezzjona kull ma hemm fiha; eżempju ta' dan hu dwar iż-żwieġ li Ġesù reġa' ġiebu għall-purità oriġinali tiegħu.

### L-għani u Lażżru (19-31)

Din il-parabbola hi kapolavur ieħor tal-pinna ta' Luqa. L-ewwel vrus (19-21) iġibu l-kuntrast kbir bejn is-sinjur u Lażżru. Is-sinjur li kien jilbes il-porpra u l-ilbies ta' taħt tal-għażel li kien jinħadem fl-Eġittu. L-ilbies u l-pranzijiet li kien jagħti juru li kien materjalista mill-ikbar u ma kienx jimpurtah mill-fqir. Lażżru , għall-kuntrarju kien mimli ġrieħi li l-klieb kienu jilagħquhomlu. Kien joqgħod ħdejn il-bieb ta' dar il-għani jistenna li tasal ħdejh xi biċċa bieba tal-ħobż li dawk li jkunu mal-mejda kienu jixxuttaw idejhom biha (kif kienet id-drawwa) u jarmuha.

Imma mal-mewt inbidel kollox; Lażżru mar igawdi u l-għani mar ibati. Meta s-sinjur talab lil Abraham li għallinqas jibgħat lil Lażżru jagħmel twissija lill-ħames ħutu biex ma jiġrilhomx bħalu, Abraham wieġbu li jkun għalxejn, għax jekk ma jisimgħux minn Mosè u l-Profeti mhux se jisimgħu minn xi ħadd ieħor.



It-tagħlima ewlenija tal-parabbola tinsab fil-vers 25 li jgħallem li nsibu fid-dinja l-oħra dak li ħejjejna f'din l-art.

Fil-persuna tal-għani Luqa juri kemm hu perikoluż il-ġid materjali u kemm hu ta' għajnuna l-faqar għas-salvazzjoni tar-ruħ.

Il-kapitlu li jmiss iħaddan tliet taqsimiet bla ebda rabta loġika bejniethom. L-ewwel taqsima wkoll fiha tagħlim differenti bla rabta.

**Tagħlim divers (17,1-10)**

a) L-iskandlu (1-3a). Ġesù jaċċetta l-fatt li jingħataw skandli, imma jwissi li min ikun ħtija ta' skandlu jkollu fuqu l-korla ta' Alla. Ikun aħjar għalih li jmut mewta vjolenti (bħal dik ta' min ikun mixħut il-baħar b'ġebla tat-tħin marbuta ma' għonqu).

b) Il-maħfra (3b-4). Hawn Ġesù jfakkar dak li jgħallem il-ktieb tal-Levitiku: għandu jiġi mwiddeb dak li jonqos, imma għandu jitwiddeb bi spirtu ta' mħabba u ta' maħfra (Lev 19-17). Luqa jindirizza dan id-dmir lill-individwu, waqt li Mattew jindirizzah lill-Knisja in ġenerali. F'Luqa, il-maħfra għandha tingħata għal seba' darbiet, waqt li f'Mattew għal sebgħa u sebgħin darba (ara Mt 18,15-21); hawn in-numru divers ma jagħmilx differenza għax ifisser l-istess ħaġa: mingħajr limiti.

ċ) Il-qawwa tal-fidi (5-6). Meta l-Appostli talbu lil Ġesù biex ikattrilhom il-fidi, hu weġibhom b'iperbole: qalilhom li anke jekk il-fidi (hawn tfisser fidi-fiduċja) tagħhom tkun żgħira ħafna (bħaż-żerriegħa tal-mustarda) jkunu kapaċi jagħmlu għeġubijiet (bħal ma siġra tat-tut — f'Mattew hemm "muntanja" — tmur tinxteħet il-baħar għar-rieda tagħhom).

d) Il-qawwa tiġi minn Alla u mhux mill-opri tagħna (7-10). Hawn, Luqa jtenni mhux biss tagħlim Kristu imma wkoll dak ta' Pawlu dwar il-qawwa tal-fidi. Meta nagħmlu xi ħaġa tajba, din tkun grazzja ta'



Alla: "aħna qaddejja li ma niswew għal xejn"; it-tajjeb li nagħmlu, nagħmluh għax aħna obbligati nagħmluh, u nagħmluh għax jgħina Alla. Ġesù jġib il-figura ta' dak il-qaddej li ta jiekol lil sidu; għamel dak li kien obbligat jagħmel.

### Fejqan ta' għaxar lebbrużi (17,11-19)

Luqa jgħidilna għat-tielet darba li Ġesù kien sejjer lejn Ġerusalemm. Kif kien dieħel f'raħal, għaxar lebbrużi għollew leħinhom u b'fidi kbira talbuh iħenn għalihom. Fosthom kien hemm wieħed Samaritan għax, għalkemm is-Samaritani kienu għedewwa tal-Lhud, il-mard għamilhom ħbieb.

Ġesù fejjaqhom mill-bogħod għax il-liġi kienet tipprojbixxi lill-lebbrużi jersqu lejn in-nies. Ġesù qalilhom biex imorru juru ruħhom lill-qassisin biex jiksbu ċ-ċertifikat tal-fejqan kif kien jitlob ukoll il-Levitiku. Wara l-fejqan, is-Samaritan biss mar iqim u jiżżi ħajr lil Ġesù. Lil dan Ġesù qallu li kienet il-fidi tiegħu li salvatu. Iċ-ċanfira lil-Lhud ingrati aktarx għamilha Luqa, għalkemm Ġesù għamilha ndirettament meta staqsa fejn kienu d-disgħa l-oħra.

Il-ġrajja turi li l-fejqan m'huwiex għal-Lhud biss, u li l-barranin kellhom fidi iktar minn dik tal-Fariżej.

### Il-miġja tas-Saltna ta' Alla (7,20-21)

L-għorrief Lhud kienu jiddiskutu dwar il-kif u l-meta se titwaqqaf is-Saltna tal-Messija, u l-Fariżej issa staqsew lil Ġesù dwar dan. Ġesù weġibhom dwar it-twaqqif tagħha u qalilhom li dan ġa sar: Ġesù hu l-Messija u l-predikazzjoni tiegħu kienet sinjal ċar tal-bidu tagħha.

### Il-jum ta' Bin il-bniedem (17,22-35)

Issa Ġesù kellem lid-dixxipli tiegħu dwar il-jum tiegħu; skond it-Testment il-Qadim "jum il-Mulej" hu żmien il-Messija. Il-Lhud kienu qed jistennew dan il-jum b'ħerqa, li jkun jum fil-qrib u li s-Saltna titwaqqaf malajr. Ġesù għallem li s-Saltna tal-Messija tieħu żmien twil biex tasal għat-temma tagħha: tibda bit-twelid tiegħu u ssib il-milja tagħha fit-tieni miġja tiegħu glorjuża. Qal li wara l-mewt tiegħu d-dixxipli jsibu ruħhom fi żminijiet diffiċli. Wara l-qawmien u t-tlugħ fis-sema tiegħu, ikunu jixtiequ jkomplu jaraw il-glorja tiegħu u ma jarawhiex. Jeħtiegu jgħixu fit-tbatija bil-qawwa tal-fidi u t-tama sat-tieni miġja tiegħu.

Din it-tieni miġja sseħħ bħal leħħa ta' berqa (v.24) imma qabel isseħħ hu jkun miċħud minn ħafna (v.25). Iż-żewġ eżempji bibliċi (dak ta' żmien Noe u ta' żmien Lot) ifissru li tieni miġja tal-Messija bħala mħallef taħsad lill-ħżiena imma mhux lit-tajbin (v.27-30). Sa dakinhar, l-Insara għandhom jgħixu biċ-ċaħda tal-ħwejjeġ materjali, ċaħda mxebbħa maż-żewġ eżempji tal-v. 31 u ta' dak li ġara lill-mara ta' Lot li ħarset lura lejn il-ġid li kienet tilfet (v.32). Iċ-ċaħda għandha tkun sħiħa, saħansitra jekk tasal għat-telfien tal-ħajja fuq din l-art (v.33).

It-tieni miġja tal-Mulej issa tixxebbaħ mal-lejl. Iż-żewġ eżempji tal-versi 34-35 ifissru x-xorti diversa li tkun tmiss lill-bnedmin: min isalva u min ikun ikkundannat. Il-vers 35 jingħata tifsir differenti. Hawn f'Luqa, aktarx li Ġesù ma riedx jindika l-post, imma ried jgħid li l-ġudizzju jsir fejn ikun hemm il-bnedmin

Is-suġġetti tal-kapitlu 18, dan li jmiss, huma differenti u jintrabtu mat-tagħlim ta' Ġesù fil-vjaġġ lejn Ġerusalemm.

### Il-parabbola ta' l-imħallef u l-armla (18,1-8)

Il-parabbola tgħid li wieħed imħallef, li ma kien jibża' minn ħadd, għamel

ħaqq lil waħda armla kontra l-għadu tagħha għax dejqitu ġejja u sejjra titolbu li jsir il-ħaqq. Il-parabbola tgħid li jekk imħallef ħażin għamel ħaqq għax l-armla baqgħet titolbu," Alla mhux sejjer jagħmel ħaqq lill-magħżulin tiegħu li jgħajjtulu lejl u nhar?"

It-tagħlima tal-parabbola hija ċara: biex turi li għandna dejjem nitolbu bla ma naqtgħu (v.1). Imma t-tieni parti ta' l-aħħar vers ("Imma taħsbu intom li Bin il-bniedem se jsib fidi fuq l-art meta jiġi?") joħloq diffikultà kbira għax donnu ma jintrabatx ma' dak li ntqal qabel. Għalhekk hemm min jgħaqqad din il-parabbola ma' dak li ntqal fil-kapitlu 17 dwar it-tieni miġja ta' Kristu. Jekk hu hekk, il-parabbola għandha titfisser hekk: Il-Mulej idum ma jerġa' jiġi biex jagħmel ħaqq mid-dinja; sadattant il-Knisja, qisha armla, għandha tibqa' titlob. Imbagħad fl-aħħar taż-żminijiet, wara l-aħħar taqbida bejn il-ħżiena (li fosthom tonqos "il-fidi fuq l-art") u t-tajbin, Ġesù jagħmel il-ħaqq ta' l-aħħar.

### Il-parabbola tal-Fariżew u l-Pubblikan (18,9-14)

Il-parabbola hija diretta lill-Fariżej li kienu jaħsbu li huma ġusti u jmaqdru lill-oħrajn. Dawn jixxebħu mal-Fariżew tal-parabbola li mar fit-tempju jitlob u jiftaħar b'dak li kien jagħmel waqt li jmaqdar lill-oħrajn. Ir-raġel l-ieħor tal-parabbola li kien pubblikan, jew midneb, mar ukoll fit-tempju jitlob; qagħad fil-bogħod bilwieqfa, iħabbat fuq sidru u jitlob ħniena. Dan hu l-figura tal-midinbin niedma li huma ħafna aħjar quddiem Alla minn dawk li mingħalihom huma ġusti. Din il-parabbola hija ċanfira oħra għall-Fariżej.

### Ġesù jbierek it-tfal żgħar (18,15-17)

Din il-ġrajja tat-tberik tat-tfal tista' tintrabat maċ-ċanfira ta' Ġesù lill-Fariżej li kienu jriduha ta' ġusti. Imma fis-Saltna ta' Alla jidħlu dawk li huma umli bħat-tfal żgħar u jiddependu minn Alla bħalma t-tfal żgħar jiddependu mill-ġenituri tagħhom.

San Mark iġib l-istess episodju b'iktar dettalji (10,13-16): iċ-ċanfira ta' Ġesù lill-Appostli li ma riedux iħallu t-tfal jersqu lejh, u li Ġesù għannaq miegħu t-tfal. Luqa jħalli barra dawn id-dettalji għax kienu jdoqqu ħażin f'widnejn il-qarrejja tiegħu li kienu jgħixu f'ambjent pagan.

### Il-kap għani (18,18-27)

Bir-rakkont ta' din il-ġrajja Luqa jirritorna għas-suġġett tal-faqar u l-periklu tal-għana. Il-għani tar-rakkont skond San Mark kien żagħżugħ (Mk 10,17-22). Luqa jsejjaħlu "kap" (prinċep, nobbli ta' rank għoli). Dan resaq lejn Ġesù u tah qima sinċiera; sejjaħlu "Mgħallem tajjeb", titlu li ma kienx jingħata lil ħadd, lanqas lir-rabbin. Kien mimli entużjażmu u staqsa x'jagħmel biex jikseb il-ħajja ta' dejjem (għal-Lhud il-glorja tas-sema).

Ġesù l-ewwel qallu li Alla biss hu tajjeb; qallu hekk għax f'moħħ iż-żagħżugħ Ġesù kien biss bniedem għaref u qaddis. Imbagħad qallu biex josserva l-kmandamenti. Meta dan qal li kien ġa qed josservahom, Ġesù qallu biex "jagħti kollox lill-foqra u jimxi warajh". Hawn għeb l-entużjażmu kollu tan-nobbli u sewwed qalbu. Meta ra hekk, Ġesù tħassru u qal b'esaġerazzjoni letterarja li "eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna ta' Alla" (v.25).

Hawn, għal darb'oħra, Luqa juri li kien tabib għax għall-kelma "labra" juża l-klema griega "belone" (il-labra li jużaw it-tobba) waqt li Mark juża "rafis" (labra tal-ħjata).

Min sema' dan staqsa li, jekk hu hekk, min jista' jsalva, u Ġesù wieġeb: "Dak li ma jistax ikun għall-bned-



min, għal Alla jista' jkun." U lil Pietru li ried jaf xi qliegħ se jkollhom dawk li ħallew kol-lox biex jimxu warajh, Ġesù wieġbu li min jagħmel dan jirċievi għal mitt

darba iktar f'din id-dinja u l-ħajja ta' dejjem fl-oħra (v.30).

Il-ġid ta' "mitt darba iktar f'din id-dinja" m'għandux jif-tiehem b'ġid materjali imma spiritwali (għaqda ma' Alla, il-grazzja ta' Alla, l-hena ta-qalb).

Ġesù ma ried jobbliga lil ħadd biex iħalli kull ġid materjali, imma ried juri dejjem li l-ġid materjali joħloq periklu kbir għal min irid jikseb il-ħajja ta' dejjem.

### It-tielet taħbira tal-passjoni (18,31-34)

Ġesù ħabbar għat-tielet darba li se jseħħ fih dak li ħabbru l-profeti fuq Bin il-bniedem: il-passsjoni, il-mewt u l-qawmien. Imma l-Appostli ma fehmu xejn. Naħseb li ma ridux jifhmu li l-Imgħallem kien se jmut, u ma fehemux it-tifsir sħiħ tal-misteru tar-redenzjoni; fehmu dan wara l-qawmien.

### Il-fejqan tal-għama ta' ġeriko (18,35-43)

Ir-rakkont ta' dan il-fej-qan kif inhu fl-eweel tliet Evanġelisti joħloq żewġ dif-fikultajiet żgħar: waħda dwar in-numru tal-għomja li Ġesù fejjaq; l-oħra dwar il-post fejn l-għomja ħadu d-dawl.Mattew jgħid li Ġesù ta d-dawl lil żewġ għomja, waqt li Mark u Luqa jgħidu li kien wieħed l-għama (Mark jgħid li kien jismu Bartimew). Hu veru li Mattew iħobb in-numru tnejn (ara Mt 27-31 dwar 2



għomja; 8,28-34 dwar 2 imxajtna; u 21,1-9 dwar 2 ħmir). Jista' jkun ukoll li Mark u Luqa jitkellmu fuq għama wieħed kif sabu fil-fonti li biha nqdew. Hawn in-numru ma jagħmilx diffe-renza dwar il-miraklu.

Dwar il-post fejn sar il-miraklu, Mattew u Mark jgħidu li kien 'il barra minn ġeriko, Luqa jgħid "huwa u riesaq" lejn ġeriko. Dwar dan ingħataw diversi tifsi-riet. Jidhirli li l-aħjar tifsira hi dik ta' L.Fonċk (Verbum Domini 3, (1923) 34-42): il-kliem grieg li juża Luqa jfis-ser "qrib" mingħajr ma ried jifhem la dħul u lanqas ħruġ.

Ġesù ta d-dawl lill-għama għax kellu fidi qawwija tant li ssokta jgħajjat meta kien imsikket u mċanfar (v.39).

Il-kapitlu 19 li jmiss fih żewġ taqsimiet: l-aħħar ġrajjiet ta' qabel ma Ġesù wasal Ġerusalemm (19,1-27), u d-daħla trijonfali f'Ġerusalemm (28-48).

### Ġesù u żakkew (19,1-10)

Kif kien għaddej f'ġeriko, Ġesù lemaħ wieħed raġel qsajjar li kien kap tal-pub-blikani u għani ħafna; kien jiġbor it-taxxi f'din il-belt importanti u għalhekk kien sinjur kbir għax il-ġbir tat-taxxi kien għajn ta' ġid li spiss kien jinkiseb b'nuqqas ta' onestà. Hu għalhekk li dawk li kienu jiġbru t-taxxi kienu meqjusin b'pubblikani u midinbin.

Billi żakkew kien qasir u xtaq jara lil Ġesù, tela' fuq siġra tat-tin selvaġġ biex jarah tajjeb. Ma qagħadx iqis x'se jgħidu n-nies jew li se jgħarraq il-libsa ta' kap li kellu fuqu. Kellu intenzjoni tajba li jara lil Ġesù, kien umli u kellu rieda li jsewwi l-ħażin li seta' għamel. Dawn kollha kienu sinjali ta' kon-verżjoni. U Ġesù ra dan kollu, u qallu biex jinżel minn fejn kien ħalli jgħaddi l-jum għandu. żakkew (isem imqassar ta' żakkarija, "il-Mulej ftakar") laqa' s-sejħa tal-grazzja u ħa lil Ġesù għandu b'ferħ kbir. Kien tas-sew li l-Mulej ftakar f'dan il-bniedem umli li laqa' l-grazzja bla telf ta' żmien.

Bħas-soltu, in-nies bdew igemgmu għax Ġesù daħal għand raġel magħdud b'midneb. Imma Ġesù ta kas tas-salvazzjoni ta' midneb li, mhux biss nidem imma ried irodd dak li seta' seraq għal erba' darbiet iżjed. Tassew li Ġesù "ġie jfittex u jsalva l-mitluf"!



## Il-parabbola tal-għaxar miniet (19,11-27)

Kif kien qrib Ġerusalemm, Ġesù qal din il-parabbola linnies, l-iktar lid-dixxipli, li kienu qed jistennew li s-Saltna ta' Alla kienet se tidher minnufih. Il-parabbola tixbaħ ħafna lil dik tat-talenti li hemm f'San Mattew 25,14-30; il-mina kienet il-munita l-iktar użata fid-dinja griega ta' Luqa, it-talent il-munita komuni fil-Palestina ta' Mattew.

Il-parabbola tgħid li raġel nobbli siefer f'pajjiż fil-bogħod biex jagħmluh sultan u mbagħad ġie lura. Ġesù alluda jew għal Erodi l-Kbir, jew għal ibnu Arkelaw, it-tnejn mibgħuda mil-Lhud, li marru Ruma biex jieħdu l-kuruna ta' sultan. Dan in-nobbli hu l-figura ta' Ġesù li l-Lhud bagħduh u tela' s-Sema biex jieħu l-kuruna tal-glorja u jerġa' jiġi fl-aħħar taż-żminijiet. U kif ir-raġel nobbli ta ġidu lil 10 qaddejja (numru tond) biex iħaddmuh, hekk għamel Ġesù lilna, qaddejja tiegħu, wara li tela' s-Sema sakemm jerġa' jiġi.

It-tagħlima tal-parabbola hi li għandna naħdmu sakemm nerġgħu naraw il-Mulej wara mewtna u fl-aħħar taż-żminijiet. Min ma jħaddimx il-grazzji li Alla tah jiġrilu bħal dak il-qaddej tal-parabbola li ħeba l-mina fdata lilu. Il-mina tiegħu tingħata lil ħaddieħor u jit-tieħidlu dak li ġa għandu. Iżda min iħaddem sewwa dak li fdalu Alla, dan iżid il-merti tiegħu għax kien fidil fil-ftit.

L-aħħar vers tal-parabbola ifisser il-kastig li jingħata lil min ma jilqax lil Ġesù; kemm il-Lhud ta' żmienu u kemm dawk li ma jilqgħux tagħlimu bi ħtija tagħhom.



**IL-ĦAMES TAQSIMA**

*Il-predikazzjoni f'Ġerusalemm (19,28-21,38)*

## Id-daħla messjanika f'Ġerusalemm (19,28-48)

Id-daħla fil-belt imqaddsa jġibuha l-erba' Evanġelisti għax hi ta' importanza kbira: kienet imħabbra mill-profeti u wriet li l-fidwa kienet fil-qrib.

Meta Ġesù wasal qrib Betfaġ u Betanja, bagħat tnejn mid-dixxipli biex imorru f'raħal fejn isibu felu marbut li ħadd ma kien għadu rikeb fuqu, iħolluh u jġibuhulu. Betfaġ (Kefer et-tur) u Betanja (el-Lażżarija) jinsabu fuq l-għolja taż-żebbuġ xi 2673 pied fuq il-livell tal-Mediterran u mifrudin minn Ġerusalemm permezz tal-wied Kedron. Mill-għolja tidher tajjeb il-belt ta' Ġeru-

salemm, speċjalment it-tempju. Il-felu li fuqu ried jirkeb Ġesù iwettaq il-profezija ta' Żakkarija dwar id-daħla tal-Messija fil-belt qaddisa (Żak 9,9).

Ġesù rikeb fuq il-felu u d-dixxipli firxu l-mantar tiegħhom fit-triq bħala sinjal ta' qima. Meta l-kortew qorob lejn in-niżla tal-għolja, il-folla laqgħetu b'għajjat ta' ferħ. Il-Fariżej ma felħux jaraw din-dehra u talbu lil Ġesù isikket lid-dixxipli. Imma Ġesù qalilhom li "jekk jisktu huma, jgħajjat il-ġebel".

Imbagħad Ġesù wasal quddiem il-belt u beda jibkiha u bassar il-qerda tagħha u ta' wliedha għax ma lagħetx iż-żjara ta' salvazzjoni li saritilha. Il-qerda saret fis-sena 70 mir-Rumani.



### It-tisfija tat-tempju (19,45-48)

Meta daħal fil-belt, Ġesù keċċa mit-tempju il-bejjiegħa tal-bhejjem, għemil li ġwanni jġib fil-bidu ta' l-Evanġelju tiegħu minħabba raġuni teoloġika u ġeografika. Hawn Luqa jgħaqqad żewġ episodi flimkien: it-tisfija tat-tempju u t-tagħlim ta' Ġesù fil-pjazza tat-tempju waqt li l-kbarat Lhud bdew ifittxu kif jeqirduh.

Fil-kapitlu 20 li jmiss Luqa jirrakkonta diversi episodji tal-ħidma ta' Ġesù f'Ġerusalemm.

### Ġesù mistoqsi dwar is-setgħa tiegħu (20,1-8)

Meta Ġesù kien qiegħed jgħallem fit-tempju, il-qassisin il-kbar mal-kittieba u x-xjuħ, jiġifieri r-rappreżentanti kollha tas-Sinedriju resqu lejh u staqsewh b'liema setgħa kien qed jagħmel dak kollu, u min tahielu dis-setgħa. Imma Ġesù minflok ma weġibhom direttament, fixkilhom b'mistoqsija tiegħu: staqsiehom jekk il-magħmudija tal-Battista kinitx ġejja minn Alla jew mill-bnedmin. Huma wieġbu li ma jafux mnejn kienet ġejja, għax fehmu tajjeb li jekk jgħidulu li kienet ġejja minn Alla kienu jwaqqgħu l-ġebla fuq saqajhom (kien jgħidilkom: mela għax ma emmintuhx?) u jekk jgħidulu li kienet ġejja mill-bnedmin kienu jdawwru kontrihom in-nies li kienu jżommu l-Battista bi profeta kbir.

### Il-parabbola tal-għalqa u l-bdiewa (20,9-19)

B'ċanfira kbira lir-rappreżentanti tas-Sinedriju Ġesù qal parabbola dwar wieħed li ħawwel għalqa dwieli, siefer fil-bogħod u



qabbel l-għalqa lil xi bdiewa. Meta wasal iż-żmien, bagħat qaddej wara l-ieħor biex jagħtuh is-sehem li kien imissu mill-għalqa, imma l-bdiewa sawwtu u keċċew lil kull wieħed minnhom. Fl-aħħar bagħat lil ibnu l-werriet bit-tama li jġibu ruħhom tajjeb miegħu; imma lil dan mhux biss sawwtuh imma qatluh ukoll. Issa s-sid ma kellux ħaġ'oħra x'jagħmel ħlief li jqabbel l-għalqa lil ħaddieħor.

Is-semmiegħa fehmu li Ġesù kien qed jgħid għalihom għax id-dielja kienet is-simbolu ta' Iżrael (ara Isaija kap 5). Qalu lil Ġesù li dak it-tqabbil ma jsir qatt billi huma kienu l-poplu magħżul. Issa Ġesù weġibhom bil-kliem tas-Salm 117,22 (Salm mogħti tifsira messjanika mill-għorrief Lhud) li l-bennejja warrbu l-ġebla tax-xewka (jiġifieri lil-Messija), u qalihom li fuq min taqa' din il-ġebla jkun imgħaffeġ. Dawk tas-Sinedriju fehmu dan kollu u xtaqu jmiddu idejhom fuq Ġesù dak il-ħin stess, imma beżgħu mill-poplu.

### It-taxxa lil ?esare (20,20-26)

L-istess nies fittxew jonsbu lil Ġesù b'mistoqsija li t-tweġiba tagħha setgħet tixlih quddiem l-awtorità Rumana. Bdew bi kliem ħelu ta' malizzjużi li kienu u staqsewh jekk huwiex sewwa jew le li tingħata t-taxxa lil ?esare. Il-Lhud stess ma kinux jaqblu bejniethom dwar dan minħabba li l-imperatur kien pagan; min kien iħallasha kien jagħmel hekk jew biex jogħġob lir-Rumani (bħas-Sadduċej) jew bil-fors għax kien jibża'. It-tweġiba ta' Ġesù kienet, bħas-soltu, indiretta. Qalilhom biex jagħtuh munita. Il-muniti li kienu jinqdew bihom (id-dinar ruman) kellhom fuqhom il-wiċċ ta' l-imperatur Tiberju; mela huma stess kienu qed jirrikonuxxu l-awtorità tal-kap tal-pagani Rumani. Għalhekk qalilhom li għandhom jagħtu lil ?esare (li kienu qed jirrikonoxxu) dak li hu tiegħu, u lil Alla dak li hu ta' Alla. Quddiem dan l-għerf ta' Ġesù ma kellhomx ħaġ'oħra ħlief jaghlqu ħalqhom.

### Il-qawmien mill-imwiet (20,27-40)

L-istess għedewwa ta' Ġesù issa riedu jwaqqgħuh għaċ-ċajt b'mistoqsija ridikola, imma urew kemm kienu ridikoli u moħħom qasir huma. ġiebulu każ ta' waħda mara li mietilha żewġha u, minħabba l-liġi ta' Mosè, ħut ir-raġel, li kienu sebgħa, kellhom jiżżewġuha wieħed wara l-ieħor għax s-sebat aħwa mietu kollha. U staqsew lil Ġesù: "Issa din, fil-qawmien mill-imwiet, mart min minnhom tkun? Għax is-sebgħa jkunu żżewwġuha?"

Ġesù weġibhom li fis-sema nkunu bħall-anġli li la jżewwġu u lanqas jiżżewwġu għax ma jkunx hemm bżonn li joktru ladarba kisbu l-hena ta' dejjem. U billi l-Lhud tal-Palestina ma kinux jifhmu kif ir-ruħ immortali jista' jkollha l-milja tal-ħajja mingħajr ġisem, qalilhom li kif Alla hu spirtu u jgħix mingħajr ġisem, hekk ukoll jagħti l-milja tal-ħajja fis-sema lil dawk li jsalva, kif ta lil Abraham, lil Iżakk u lil ġakobb, għax "hu m'huwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin, għax għalih kulħadd jgħix." B'dan il-kliem Ġesù sikket l-għedewwa.

### Mistoqsija dwar Bin David (20,41-44)

Wara li fixkel lill-għedewwa, Ġesù dar għall-attakk kontrihom. Ikkwotalhom il-kliem tas-Salm messjaniku 109,1 dwar l-Messija jkun l-iben ta'



David u fl-istess ħin sidu, ħaġa misterjuża li hi ogħla minn dak li jiġri fost il-bnedmin. B'hekk qalilhom indirettament li hu l-Messija mistenni u tagħlimu u Saltnatu huma ta' natura spiritwali u ogħla minn dak li l-bniedem materjali, bħal ma kienu huma, jista' jifhem. Il-Knisja tal-bidu kienet tuża dan it-test biex tgħallem il-glorja ta' Kristu u ta' Saltnatu (ara Atti 2,34; Rumani 1,3).

### Il-kundanna tal-kittieba (20,45-47)

Ġesù għalaq id-disputa bejnu l-kbarat Lhud bil-kundanna tal-kittieba tagħhom li kienu bħal avukati-għorrief tagħhom. Wissa lis-semmiegħa biex joqogħdu attenti minnhom għax il-Fariżej kienu juru wiċċ b'ieħor, iħobbu jidhru, idumu jitolbu għal għajnejn in-nies u jberbqu flus ir-romol; waqt li s-Sadduċej kienu saru materjalisti (dawn ta' l-aħħar ma kinux jemmnu fl-ispirti u fil-qawmien tal-ġisem fl-aħħar taż-żminijiet). Ġesù ħabbar il-kundanna iebsa li Alla kien sejjer jagħtihom.

### L-offerta ta' l-armla (21,1-4)

L-ewwel versi ta' dan il-kapitlu jitkellmu fuq l-offerta ta' l-armla li xi studjużi jeħduha bi kritika ndiretta lill-Fariżej. Il-bqija tal-kapitlu tittratta fuq il-qerda tat-tempju u ta' Ġerusalemm u tintrabat mat-tieni miġja ta' Ġesù, kif hemm fl-Evanġelisti l-oħra. Fuq it-tieni miġja Luqa ġa ttratta qabel imma jerġa jmiss hawn l-istess suġġett minħabba li kellu quddiemu dak li kiteb qal S.Mark.

Kif wieħed kien jidħol fit-tempju, fit-taqsima tan-nisa kien hemm il-post ta' l-offerti mifrud fi tliet partijiet. l-offerta kienet tingħata lill-qassis, u dan jixħetha f'waħda minn dawn it-tliet partijiet skond kemm kien jingħata. Kull parti kienet mikxufa biex kulħadd ikun jaf kemm wieħed tefa' flus fiha. Din kienet stedina biex wieħed jimxi għal għajnejn in-nies. L-armla li minnha jitkellem Ġesù tefgħet fit-"teżor" żewġ leptiet (il-lepta kienet munita zgħira griega), dak kollu li kellha u li bieħ setgħet tgħix għal ġurnata. Tat dak kollu li setgħet u għemilha kien jimmerita ħafna.



### Il-qerda tat-tempju u l-persekuzzjonijiet (21,5-18)

Għalkemm dawn il-versi jinsabu wkoll f'Marku, Luqa jifred il-materjal fil-grajja storika kontemporanea (il-qerda tat-tempju u tal-belt, u r-rebħa ta' l-Evanġelju) minn dik eskatoloġika (it-tieni miġja ta' Kristu bis-sinjali li jkun hemm qabel).

a) *Il-qerda tat-tempju* (5-6). Meta xi wħud urew lil Ġesù s-sbuħija tat-tempju, li kien wieħed mill-għeġubijiet ta' żmienhom, hu bassar il-qerda tiegħu li ġrat xi erbgħin sena wara. Kif bassar hu, kontra r-rieda tal-kmandant Ruman, Titus, fi ftit sigħat ma baqgħetx fih ġebla fuq oħra.

b) *Is-sinjali ta' qabel il-qerda* (7-11). Għall-mistoqsija li saret lil Ġesù dwar meta ssir il-qerda (f'moħħhom kien hemm il-qerda tat-tempju), it-tweġiba tiegħu kienet fuq l-aħħar tad-dinja għax il-qerda tat-tempju u tal-belt kienet bħal figura ta' dak li għad jiġri fl-aħħar taż-żmien (dan il-mod ta' tifsir jissejjaħ "perspettiva profetika"). Fil-kapitlu 17, vers 23, Luqa ġa' qal li l-aħħar tad-dinja hu fil-bogħod.

ċ) *Il-persekuzzjonijiet* (12-19). Bħal Marku li minnu ħa Luqa, id-diskors jerġa jmiss iż-żmien kontemporanju, il-persekuzzjonijiet ta' l-Insara mil-Lhud u r-Rumani. Imma t-ton hu iktar ottimist minn



Marku billi hu għex meta l-Evanġelju kien għamel rebħa kbira fid-dinja. Il-persekuzzjonijiet ikun hemm, imma dawn jiswew ta' ġid. Minkejja l-mibegħda u l-martirju, "xagħra waħda minn raskom ma tintilifx". Min jibqa' sħiħ sa l-aħħar isalva ruħu.

d) *Il-qerda tal-belt ta' Ġerusalemm* (20-24). Dawn il-versi għandhom bħala bażi l-Evanġelju ta' San Mark, imma Luqa ħadimhom profondament mgħejjun minn dak li kien ġa seħħ fis-snin li għaddew bejn Marku u bejnu. Il-qerda saret fl-istess jum ta' dik tat-tempju. L-assedju ta' qabel kien twil u dam xhur twal. Dawk li ma laħqux ħarbu qabel ma r-Rumani waslu, ġew magħluqin fis-swar fejn naqas l-ikel u l-ilma. Ġużeppi Flavju, l-istoriku Lhudi, jgħid li l-istorja ma tiftakarx assedju agħar minnu: mard, ġuħ u ġenn li wassal l-ommijiet jieklu t-trabi tagħhom. It-tmiem kien li ħafna "jaqgħu taħt il-qilla tas-sejf, u jittieħdu lsiera fost il-pagani; u Ġerusalemm tibqa' tintrifes taħt saqajn il-ġnus sa ma jkun għadda żmien il-ġnus." "żmien il-ġnus" hu dettal oskur; aktarx jalludi għal meta Iżrael jilqa' lil Ġesù b'Messija. Iż-żmien li ninsabu fih hu żmien il-ġnus għax "l-għalqa tad-dwieli" (Iżrael) is-Sid "qabbilha lil ħaddieħor" (Luqa 20,16), jiġifieri lill-ġnus, jew pagani.

## Il-miġja ta' Bin il-bniedem (21,25-28)

Luqa hawn jifred b'mod ċar it-tieni miġja ta' Ġesù mill-qerda ta' Ġerusalemm, mhux bħal ma hemm f'Marku. Is-sinjali ta' qabel il-miġja jirriflettu dak li qalu l-profeti imma Ġesù jiddeskrivihom b'mod universalistiku u ma jgħidx meta se jsir dan kollu. Il-vers 28 iqawwi qalb l-Insarra għax għalihom it-tieni miġja tkun ta' "redenzjoni" (kelma "pawlina" li tinsab hawn biss fost l-erba' Evanġelji). Hawn Luqa juri li kien dixxiplu ta' San Pawl. Id-dehra ta' Ġesù ġej fi sħaba (v.27) tfisser il-glorja divina tiegħu u hi allużjoni għall-ktieb ta' Danjel 7,13.

## Tagħlima mis-siġra tat tin (21,29-33)

Dawn il-versi għandhom jintrabtu ma' dak li hemm fil-versi 25-26 u jitfissru f'dak il-kontest; jiġifieri li ż-żmien tat-tieni miġja tal-Mulej jintgħaraf mis-sinjali li jsiru qabel, kif is-siġar juru li s-sajf ikun qrib meta jibdew jarmu. Il-kliem "dan in-nisel" jitfisser minn ħafna kummentaturu fis-sens ta' l-umanità kollha.

## Twiisija biex nishru (21,34-36)

Dawn il-versi dwar li nishru bil-penitenzi u t-talb juru li t-tieni miġja tal-Mulej isseħħ wara żmien twil. L-aħjar tifsir ta' dak li qal Ġesù fuq il-jum li jasal għal għarrieda jinsab fl-ewwel ittra ta' San Pawl 5,1-11: in-Nisrani li jgħix ħajja tajba ma jinħasadx meta jsib ruħu quddiem il-Mulej; jinħasad dak li jgħix ħajja ħażina.

## Għeluq tal-ministeru f'Ġerusalemm (21,36-38)

F'dawn iż-żewġ versi Luqa jagħlaq il-ministeru ta' Ġesù f'Ġerusalemm b'deskrizzjoni qasira ħafna ta' kif Ġesù għadda dak iż-żmien: jgħallem fit-tempju matul il-jum, jgħaddi l-lejl barra mill-belt ħdejn l-Għolja taż-żebbuġ (aktarx fl-għerien li hemm taħt l-Għolja); u l-għada jerġa' jmur jgħallem fit-tempju fejn il-poplu kollu kien imur kmieni biex jisimgħu.

*Kitba ta' Basilio Talatinian OFM*

# Il-Familja Mqaddsa f'Betleħem

**MARIJA TIMMEDITA L-KLIEM TAX-XWEJJAĦ XMUN**




Wara ċ-ċerimonja tal-purifikazzjoni u tal-preżentazzjoni fit-Tempju, il-familja ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi, baqgħet għal ftit żmien Ġerusalem għand iz-zija ta' Marija, u wara nofs in-nhar reġgħet qabdet it-triq lura lejn Betleħem. Xi xahar wara, Ġużeppi qal lil Marija: "Għada jispiċċa l-kuntratt tiegħi mas-sid. Il-klima issa hi ħelwa u nistgħu mmorru lura Nażaret mingħajr problemi kbar. Hawnhekk ftit qiegħed naqla' għall-għajxien tagħna, filwaqt li fil-ħanut tiegħi f'Nażaret nkun nista' naqla' iżjed u nipprovdi aħjar għall-bżonnijiet jiżdiedu tal-familja. X'jidhirlek?"

Qabel ma Marija weġbitu sema' l-bieb iħabbat. Kien Booz. Dan, malli daħal u sellem, sejjaħ lil Ġużeppi għalih waħdu u qallu: "Nixtieq nipproponilek biċċa xogħol tajba u nittama li ma tgħidx le għall-offerta tiegħi. Jiena stajt nammira x-xogħlijiet tiegħek għall-preċiżjoni u l-finezza li jistgħu jagħmlu unur lil-lukanda tiegħi. Il-bibien u t-twieqi hemm bżonn li jew inbiddilhom jew insewwihom. Kelli qarib li issa xjaħ sew li kien ħallieli l-kura tal-maħżen ta' l-injam. Jiena ma kontx naf x'se nagħmel b'dak l-injam, u l-maħżen żammejtu magħluq. Issa, kif għidtlek, nixtieq inġedded u nsewwi l-aperturi tal-lukanda tiegħi, u nitolbok biex tibda mall-ewwel biex taħdimli f'dan il-maħżen. Bħala ħlas nagħtik dinar u nofs kuljum, u jekk ix-xogħol jogħġobni, inżidlek ukoll xi ħaġa iżjed".

Ġużeppi wieġbu: "Għażiż Booz, jiena nkunlek dejjem rikonoxxenti u nixtieq nilqa' mall-ewwel l-offerta tiegħek, imma diġà kont iddeċidejt li mmur lura Nażaret u proprju issa kont qiegħed nitlob il-parir ta' l-għarusa tiegħi. Jekk hi trid tibqa' hawnhekk, jiena jkolli l-ferħ li nesprimilek almenu xi ftit mir-rikonoxxenza tiegħi billi nilqa' l-proposta tiegħek".

Marija ma kellhiex diffikultà biex tgħid iva. Allura Ġużeppi għamel kuntratt ma' Booz. Il-jum ta' l-għada telaq mingħand l-imgħallem li kellu qabel, irringrazzjah, u beda jaħdem għal sid il-lukanda.

Marija kienet dejjem timmedita. Il-kliem ta' Xmun kienu jiġuha f'moħħha anke mingħajr ma kienet tkun trid. Qalilha li sejf kellu jinfdilha qalbha u ruħha u għalhekk b'xi mod kellha ssofri anke f'ġisimha. Is-sejf ta' Alla, li jaqta' sal-ġewwieni, kien imdendel fuq qalbha u minn mument għall-ieħor seta' jiġi fuqha u jinfidha.

Dan is-sejf kien prinċipalment – u mingħajr dubju – is-sagrifiċċju mdemmi ta' binha, li hi kienet qed tarah b'mod ċar quddiemha. Minn issa 'l quddiem id-demm ta' Ġesù kellu jkun dejjem quddiem għajnejha. Din il-ġrajja ta' ħajjitha, kellha ġġib magħha l-marka tas-sofferenza, b'tali mod li ħajjitha kellha ssir nisġa ta' ferħ u niket, jew sempliċement taħlita ta' niket u ferħ qishom il-melħ li jitħallat u jinħall fl-ilma.

Wara li ħasbet fuq dan kollu, Marija kienet ittenni b'qawwa akbar: "Alla tiegħi, jiena nsibni f'dan l-oċejan ta' imrar, maħkuma mill-mewġ tiegħu, imma dejjem imqabbda ma' Ġesù tiegħi, is-Salvatur tiegħi, u mimlija



Ħarba fl-Eġittu ta' Getile da Fabriano

fiduċja fik. Ix-xatt li fih irrid nasal hu l-bogħod u ma nafux; imma jiena żgura li se nasal bla ma negħreq, mingħajr ma nibqa' vittma tal-mewġ tal-baħar. Se nkun imkissra mill-mewġ qalil, imma mhux se jidfinni, għax kull darba d-driegħ tiegħek se jgħini nerġa' lura fil-wiċċ tal-mewġ b'din is-siġra tal-ħajja li nżomm fi driegħi. Jiena nilqa' t-tbatija li inti tridni nipprova; jiena noqgħod għat-theddida tas-sejf jaqta' li se jinfidli ruħi; ibqa' żommni, biex ma nonqosx meta nasal fil-quċċata tat-tbatijiet li int ħabbartli minn qabel. Inti ma tistax tbati; imma dan Ġesù, li hu wkoll ibnek, li hu daqsek, dan jista' jbati, u jrid ibati. X'se tiswielek it-tbatija tiegħu, it-tbatija ta' ibnek? X'misteru ta' mħabba u ta' ħniena! Min jista' jifhmek? Alla tiegħi, agħtini l-imħabba tiegħek, biex mhux biss nirrassenja ruħi għat-tbatija tiegħu, imma nagħmel dan b'att ta' mħabba bla tarf. Missier Qaddis, żomm qawwija l-qalb tiegħi ta' omm, biex ma nħallix waħdu lil Ġesù tiegħi fit-tbatija tiegħu, imma nkun dejjem miegħu u hekk infarrġu fl-oċejan tat-tbatijiet tiegħu u l-faraġ tiegħu jkun ukoll l-uniku faraġ tiegħi".

Meta sar filgħaxija Ġużeppi reġa' lura mix-xogħol, u ħa f'dirgħajh lit-tfajjel ċkejken u żiegħel bih filwaqt li qagħad jitkellem ma' l-għarusa tiegħu. Marija qagħdet qrib tiegħu biex tiggosta l-kumpanija tiegħu u ta' binha Ġesù.

Lejla minnhom Ġużeppi, billi sab il-bieb tad-dar imbexxaq, daħal mingħajr ma ħabbat, u ra lil Marija ħosbiena u ruħha mnikkta. Intebaħ li kienet għaddejja minn mument ta' tbatija u ried ifarraġha: "Għażiża tiegħi, inti taf li meta narak kalma jiena nifraħ ħafna u jidhirli li l-għajja tmurli minn ġismi kif iddub in-nida quddiem ir-raġġi tax-xemx. Ftit ilu, meta kont dieħel lura d-dar, jiena rajtek imnikkta u qalbi donnha waqfet fija hekk li ħassejtni se naqa'. Hu veru li inti biddilt wiċċek mall-ewwel, u urejtni tbissima mill-aktar ħelwa. Imma qabel liema kien il-ħsieb li kien iħawdek? Forsi kien dak li kien qallek ix-xwejjaħ Xmun? Jiena nagħtik parir biex ma taħsibx iżżejjed fuqu. Dak hu ċertament kliem poetiku, li ma għandekx tieħdu kelma b'kelma. U mbagħad hu tkellem dwar dak li għad irid jiġri fil-ġejjieni. Għażiża tiegħi, la toqgħodx taħseb fil-ġejjieni, għax dan jinsab f'idejn il-Mulej. Min jitnikket dwar dak li se jiġri jitnikket għal darbtejn. In-niket hu wkoll għadu tas-saħħa, u inti trid tkun f'saħħtek minħabba t-Tarbija.

"Biex ma tagħtix każ ta' dawn il-ħsibijiet tan-niket, ikun tajjeb jekk taqra xi Ktieb ispirat meta tkun ħielsa mix-xogħol. Tassew li l-Bibbja tagħna ħallejnieha Nażaret, imma għada nipprova nakkwistalek salterju. Inti tafu bl-amment, imma xorta jiswielek biex timmedita fuq is-sens profond tal-kliem; hekk anke jien nipprova nitgħallem bl-amment dawk is-salmi li jidhrulek xierqa li wieħed jitgħallimhom bl-amment.

"Jekk minkejja dan jibqa' jkollok ħsibijiet li jinkwetawk, ikkontempla lil Ġesù tagħna, u l-ħarsa tiegħu ħelwa u mimlija paċi tkeċċilek il-ħsibijiet li jinkwetawk".

Marija weġbitu: "Għażiż Ġużeppi, jiena nobdik bil-qalb; grazzi tal-pariri għaqlin tiegħek. Jiena nisforza biex naħseb dwar dak kollu li t-twajjeb Xmun ħabbarli u li farraġni: li Ġesù tagħna se jkun il-fidwa tal-ġnus kollha u l-glorja ta' Israel".

Ġużeppi qalilha: "Iva, nara li dan hu suġġett ieħor tajjeb ta' meditazzjoni; din hi t-tama u l-ferħ tagħna; li naħsbu f'dak kollu li jagħti qawwa u faraġ. Aħna t-tnejn imsejħin biex nikkoperaw għal dan il-pjan ta' salvazzjoni. Dak kollu li nagħmlu, irridu nagħmluh għal dan l-idejal l-aktar nobbli tagħna. Li nagħmlu l-ġid lill-oħrajn, barra milli jagħtina soddisfazzjon intimu, jinnobilita r-ruħ tagħna".

Marija kompliet: "Għażiż Ġużeppi, kemm titkellem sewwa! Dan tiegħek hu ħsieb tassew profond u li

jagħti l-ħajja. Nifhem ukoll il-ġid kollu li inti trid tagħmel miegħi u ma' Ġesù tagħna. Għalhekk jiena ma narak qatt bla ħeġġa, anke meta tkun għajjien jew ix-xogħol jinkwetak".

Il-għada filgħaxija Marija akkwistat is-salterju u bdiet mall-ewwel taqrah u timmeditah. L-opra kbira tal-fidwa umana kienet tokkupalha lil moħħha u kienet timlilha bil-ħeġġa lil qalbha. Bħala riżultat tal-meditazzjonijiet tagħha hi ħarġet minn qalbha dawn it-talbiet u s-sentimenti: "Alla tiegħi, inroddlok ħajr, għaliex int għażiltni bħala omm tal-Messija, l-iben waħdieni tiegħek. Nirringrazzjak talli għaqqadtni ma' l-opra tal-fidwa u s-salvazzjoni tiegħek. Inti nebbaħtni biex lil Eliżabetta ngħidilha l-kliem profetiku: "Kull nisel isejjaħli hienja". Imma kif se titwettaq din il-profezija, jekk jiena ma nagħmilx ġid lil kulħadd? Hu biss meta kulħadd ikun għamel esperjenza fih innifsu ta' xi ġid min-naħa tiegħi, li allura jista' jitwettaq il-kliem li ħabbartli. Imma liema hu l-ġid li nista' nagħmel jien? Inti biss, Alla tiegħi, inti l-għajn ta' kull ġid. Mingħajrek il-ġid ma jistax jeżisti. Jekk aħna għandna l-ġid, dan hu biss frott tal-ħidma tiegħek. Trid tigglorifikani quddiem id-dinja? Sewwa, jiena nitolbok bl-umiltà, ja ġid mill-aktar għoli tiegħi, li tagħtini tant ġid li jiena nkun nista' nqassam lil kulħadd bl-abbundanza. Agħmel li jiena ningħaqad b'qalbi kollha mal-ġid li inti tikkomunikali, sabiex ma nitlef lanqas farka waħda minnu, u hekk inkun nista' nqassmu lill-oħrajn mingħajr ma nitilfu.

"Jiena nħobb it-tajjeb, għaliex inti tista' tidħol f'qalbi u għandek imħabba kbira għalija. Inti l-uniku ġid tiegħi. Inti biss tokkupa lil qalbi. Jekk għalhekk hemm xi post fil-qalb tiegħi għall-ħlejjaq tiegħek, dan hu għaliex dawn huma tiegħek, u mlibbsin bil-qdusija tiegħek. Jiena nħobbok ukoll għalihom u rrid inħobbok aktar biex indaħħlek fil-qlub tagħhom. Alla tiegħi, jiena nħobbok kif omm tħobb lil binha ċkejken, kif jiena nħobb lil Ġesù tiegħi; imma anke jekk omm tinsa lil binha, jiena ma ninsik qatt, Alla tiegħi u kollox. Inħoss li inti tqegħdli fuq fommi dawn il-kelmiet, għaliex jiena fqajra u ma nistax inlissinhom b'tant sinċerità.

"Jekk il-ħlejjaq jistgħu ikabbru fija l-imħabba lejk, bl-għajnuna tiegħek, jiena rrid inħobbhom dejjem iżjed u nissagrifika ruħi għalihom.

"Alla li taf kollox, ippermettili li nistaqsik domanda li ma nagħmilhiex bil-kurżità, imma biex nagħtik glorja akbar: għaliex inti issuġġerejt lit-twajjeb Xmun dawk il-kelmiet li jiena qatt ma kont nemminhom li setgħu jkunu veri? Inti ġagħaltu jgħidli: "Dan it-tifel ikun il-qawmien u l-waqgħa ta' ħafna f'Israel". Kif jista' jkun li s-salvazzjoni tiegħek tkun ir-rovina ta' ħafna? Alla tiegħi, la tippermettix li xi ħadd jinqered, nitolbok! Jiena lesta li nissagrifika ruħi għal kulħadd. Mulej, jekk ir-rovina tagħhom għadha ikkundizzjonata minn xi ħaġa jew tiddependi minni, urini dan anke permezz ta' l-aħħar wieħed fost il-qaddejja tiegħek, sabiex jiena nkun lesta li nxerred sa l-aħħar qatra tad-demm ta' qalbi għas-salvazzjoni tagħhom. Jalla d-demm tiegħi irattab ir-rieda tagħhom u jimla lil qalbhom b'tant imħabba qaddisa. Kemm inbati minħabba fihom!

"Imma min jiena jien biex nistenna tweġiba mingħandek? Le, Mulej tiegħi, jiena ma nistenna l-ebda tweġiba għall-mistoqsija tiegħi. Jiena noqgħod għall-verdett divin tiegħek u għalkemm jiena ninsab imdaħħla fid-dlam oħxon tal-ġudizzji tiegħek li ħadd



**Adorazzjoni tal-Maġi ta' Dürer**

ma jifhimhom, jiena nemmen fit-tjubija u l-qdusija infinita tiegħek, u hekk nittama li nkun aktar grata għall-ħarsa divina tiegħek u nikkopera għas-salvazzjoni ta' kulħadd".

F'dan il-mument ġew f'moħħha l-pariri ta' Ġużeppi, u ippruvat taħseb dwar ħwejjeġ li jqanqlu aktar ferħ. Ħasbet li l-għażiż Ġesù tagħha kien ġie fid-dinja biex ikun dawl tal-ġnus, glorja tal-poplu ta' Israel u fidwa ta' ħafna. Ħadet f'dirgħajha lit-Tfajjel u qaltlu: "Inti d-dawl tiegħi, inti l-glorja tiegħi u l-fidwa tiegħi. Inroddlok ħajr, għażiż Ġesù! Kun int ukoll id-dawl, il-glorja u l-fidwa ta' kulħadd, biex kulħadd jarak, jiddi bil-glorja tiegħek u jieħu sehem fil-fidwa tiegħek. Jalla dan il-jum jasal malajr!"

Jum minnhom Ġużeppi ra lill-għarusa tiegħu aktar ferħana mis-soltu, u staqsieha: "X'għandek li qed jagħmlek tant ferħana? Jaqaw qrajt xi ħaġa sabiħa u glorjuża dwar Ġesù tagħna?" Marija weġbitu, "Qtajt sewwa. Jiena qrajt xi siltiet messjaniċi tassew meraviljużi, u issa kont qiegħda nimmedita l-kontenut tas-salm 71. Is-salmista fi ftit strofi stupendi jiġbor b'mod mill-aktar mgħallem l-uffiċċju tal-qawwa, ġustizzja u tjubija tal-Messija, id-dija, is-sbuħija u l-kobor tas-saltna glorjuża u ta' sliem tiegħu, u l-qima li s-slaten, il-popli u l-ġenerazzjonijiet kollha se jagħtuh".

"Kemm hu salm sabiħ dan!", qalilha Ġużeppi. "U meta se jwaqqaf is-saltna glorjuża tiegħu il-Messija mbierek, iċ-ċkejken Ġesù tagħna?"

# P. Giuseppe Nazzaro OFM

## nominat Vigarju Apostoliku ta' Aleppo

Il-Papa Ġwanni Pawlu II nnomina bħala Vigarju Apostoliku ta' Aleppo (Sirja) lir-Rev.mu P. Giuseppe Nazzaro OFM, ex-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa. F'dawn l-aħħar żmenijiet kien qed iservi bħala Kappillan u Gwardjan fil-fraternità ta' Sant'Antnin f'Damasku, fis-Sirja.

P. Nazzaro twieled f'San Potito (Avellino) nhar it-22 ta' Diċembru 1937. Fl-1956 daħal fin-novizzjat tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa u għamel il-professjoni solenni nhar it-18 ta' Diċembru 1960. Kien ordnat saċerdot fl-1965 u wara kiseb diploma fil-Katekeżi u Liċenza fit-Teoloġija.

Bejn l-1966 u l-1968 kien ekonomu u viċi-rettur tal-Kulleġġ tat-Terra Santa f'Aleppo u wara kellu wkoll diversi nkarigi: Viċi Rettur tas-Seminarju minuri tal-Kustodja f'Ruma (1968-1971), Kappillan f'Alessandrija fl-Eġittu (1971-1977), u fil-Kajr (1971-1979), rettur tas-seminarju f'Ruma (1979-1980) u mill-ġdid kappillan fil-Kajr (1981-1986), Segretarju tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa (1986-1992) u Kustodju ta' l-Art Imqaddsa (1992-1998). Mis-sena l-oħra huwa kien Kappillan u Gwardjan f'Damasku. P. Nazzaro jitkellem l-Għarbi, l-Franċiż, l-Ingliż, it-Taljan, l-Ispanjol u l-Latin.

Għalina l-Maltin P. Nazzaro għandu rabta speċjali. Mhux biss kien ġie Malta fl-1995 imma wkoll kien il-Kustodju li nkuraġixxa r-restawr u r-ristrutturazzjoni tal-Kummissarjat ta' Malta. Kien ukoll bierek waħda mis-swali fil-kummissarjat li issa qed jintużaw għad-diversi korsijiet lil-kummissarjat jorganizza minn sena għal oħra. Lil P. nazzaro nawgurawlu ħidma fejjieda fl-għalqa tal-Mulej u nwegħduh it-talb tagħna.



*Kitba ta' Bernard Sabella*

# L-Insara Palestinjani

## L-ISFIDI TAL-MILLENNJU, IT-TĦASSIB U L-ĦIDMA GĦALL-ĠEJJIENI

### Introduzzjoni

Jekk wieħed iħares lejn l-Art Imqaddsa fid-dawl ta' l-istorja tagħha u jifli r-relazzjonijiet bejn il-popli li jgħixu fiha u r-reliġjonijiet li jħaddnu, wieħed isib varjetà ta' sitwazzjonijiet u kuntesti li fihom dawn ir-relazzjonijiet żviluppaw matul sekli sħaħ ta' storja. L-esperjenzi ta' l-istorja stampaw ċerti xbihat jew modi kif wieħed iħares lejn kull waħda minnhom f'relazzjoni ma' l-oħra. Billi dawn l-esperjenzi kienu varji, anke x-xbihat jew modi kif wieħed iħares lejhom ivarjaw: it-Testment il-Qadim bil-wegħdiet tiegħu; it-Testment il-Ġdid bil-messaġġ ta' salvazzjoni tiegħu; il-wasla ta' l-Islam; il-Kruċjati u l-Gwerra Qaddisa; it-Torok Ottomani u l-ħolm ta' Imperu tagħhom; il-Mandat Ingliż u l-politika ta' "National Home" għal-Lhud; il-Moviment Nazzjonali Għarbi u l-insistenza tiegħu fuq in-natura Għarbija tal-Palestina; il-ħolqien ta' l-Istat ta' Israel u d-disintegrazzjoni tal-Palestina; il-gwerra ta' l-1967 u t-twelid tal-"Palestine Liberation Organization" [PLO]; il-ftehim ta' Oslo u l-Awtorità Nazzjonali Palestinjana; il-proċess ta' negozjati u l-kwestjoni mdendla ta' l-istatus finali ta' Ġerusalem, ir-rifuġjati Palestinjani u l-bini ta' "settlements" Lhud fix-Xatt tal-Punent u l-istrixxa ta' Gaza.

Dawn l-esperjenzi messewna lkoll. Huma stampaw fina ċertu mod kif inħarsu lejn id-dinja kif din iddur madwar il-kwestjonijiet ta' l-Art Imqaddsa. Huma kienu wkoll kontribuzzjoni qawwija fil-mod kif il-Palestinjani jew membri ta' gruppi partikulari jħarsu lejn l-identità tagħhom. Ma nistagħġbux jekk l-Insara Palestinjani, meta jitkellmu dwar l-għeruq storiċi tagħhom, jirreferu għall-ġrajjiet storiċi u jidentifikawhom magħhom infushom bħala parti li tiġbor f'ħaġa waħda l-mod kif jaħsibha poplu sħiħ. Fil-fatt, ir-riti u l-mod kif hi iċċelebrata s-sena liturġika huma tifkira kostanti tal-kontinwità li tinfirex fuq elfejn sena ta' storja, u huma konferma tar-rabtiet li jorbtu l-ġenerazzjoni preżenti ta' l-Insara Palestinjani ma' ġenerazzjonijiet bla għadd li ġew qabilhom, u li jmorru lura għall-Knisja tal-bidu mwaqqfa minn Kristu nnifsu. Bl-istess mod, il-Musulmani u l-Lhud, jgħixu l-ġrajjiet storiċi tagħhom bħala parti mill-identità kollettiva tagħhom bħala popli. Il-preżenza ta' tant storja u l-mod kif qed tkompli tevolvi, permezz ta' gruppi ta' reliġjonijiet differenti, tindika l-għeruq fondi li jorbtu l-individwi u l-kollettivitajiet ta' popli ma' din l-art u mas-simboli varji reliġjużi u nazzjonali tagħha. Fl-istess ħin l-istess qisijiet reliġjużi li jintużaw biex isaħħu s-sens ta' identifikazzjoni huma wkoll tifkira ta' potenzjal li jwassal għal firdiet u qsim, mhux biss fuq linji reliġjużi, imma wkoll fuq dawk nazzjonali u politiċi.

### Nilqgħu l-isfidi

Fil-bidu ta' millennju ġdid, aħna għandna bżonn ta' kuraġġ biex inħarsu lejn id-differenzi tagħna (bħala popli li jgħixu fl-Art Imqaddsa) u naċċettaw l-isfida li huma jippreżentawlna. Huwa possibbli li jirnexxielna, ilkoll kemm aħna, nużaw it-tagħlimiet ta' l-istorja biex noħolqu ġejjieni differenti li fih id-differenzi tagħna jinbidlu f'modi ġodda kif inħarsu b'rispett lejn l-oħrajn u lejn l-esperjenzi u l-istorja tagħhom? Kif tista' kull kultura, reliġjon, poplu, tikkontribwixxi lejn dan il-ġejjieni differenti? Fil-każ ta' l-Insara Palestinjani, aħna msejħin biex inwettqu s-sejħa storika li nidentifikaw ruħna ma' din l-Art, mannies tagħna u ma' l-għeruq u wirt Kristjani tagħna. Dan hu żmie meta l-Palestinjani kollha qegħdin jaffaċċjaw l-isfidi li jakkumpanjaw it-twaqqif ta' l-Istat tagħhom u l-proċess iebes tal-binja ta' l-istituzzjonijiet. Dan kollu qed jiġri wkoll fi żmien meta qed iseħħu bidliet profondi fir-relazzjonijiet ma' l-Israeljani li tant ħallew nuqqas ta' ċertezza fost ħafna Palestinjani minħabba l-poter u l-kontroll mhux bilanċjat minkejja li l-maġġoranza huma favur tal-proċess ta' paċi. Il-vokazzjoni ta' l-Insara Palestinjani, f'dan il-mument storiku, qegħda tiltaqa' wiċċ imb'wiċċ ma' l-emorraġija

kontinwa ta' emigrazzjoni ta' nies mill-post li qed tiżvojta lill-Art Imqaddsa mill-Insara Palestinjani.

L-Insara Palestinjani jiftaħru bir-rabtiet kontinwi tagħhom mal-Knisja tal-bidu. Il-Knisja tas-Sirja tuża l-Aramajk fir-riti liturġiċi tagħha, l-istess ilsien li kien jitkellem Kristu nnfisu. Xi wħud mill-familji Sirjani u Palestinjani Insara għandhom l-arblu tar-razza tagħhom li jmur lura għall-Knisja tal-bidu. Id-diversi ċerimonji reliġjużi u r-riti liturġiċi matul is-sena jindikaw u jerġgħu jaffermaw il-kontinwità li hemm mal-bidu-nett permezz tal-pont ta' sekli sħaħ. Id-daħla tal-Patrijarka Latin f'Ġerusalem f'Ħadd il-Palm hi simbolu tad-daħla ta' l-Imgħallem innifsu meta kien milqugħ bit-tixjir tal-friegħi tal-palm. Il-purċissjoni fil-Via Dolorsa nhar il-Ġimgħa l-Kbira, immexxija mill-Kustodju Franġiskan ta' l-Art Imqaddsa, tfakkar lill-insara fit-tbatijiet ta' Ġesù fi triqtu lejn il-Golgota. Iċ-ċelebrazzjoni tan-Nar Imqaddes nhar Sibt il-Għid mill-Patrijarka Grieg Ortodoss tiġbed lejha insara mill-viċin u mill-bogħod, u tirrifletti l-fidi nisranija tal-qawmien ta' Kristu: id-dawl li jiddi u jdawwal ħajjitna. Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' żminijietna mill-komunitajiet Anglikani, Luterani u Knejjes Protestanti oħrajn, jorbtu l-qadim mal-ġdid, huma pont bejn żewġ dinjiet u jippruvaw iġibuhom qrib aktar ta' xulxin biex hekk jaffermaw il-karattru universali tal-Knisja. Il-Knisja Armena tixhed għall-fidi ta' sekli sħaħ u l-Kwartier Armen fil-Belt il-Qadima ta' Ġerusalem hu xhieda tar-rieda ta' l-Armeni li jibqgħu f'posthom minkejja l-effetti diżastrużi ta' l-emigrazzjoni tal-membri żgħażagħ tal-Knisja. Il-Knejjes Ortodossi Orjentali, bħalma huma l-Knisja Kopta u l-Knisja Abbissina jew ta' l-Etjopja, għandhom it-tradizzjonijiet r-riti tagħhom li jfakkru b'modi uniċi l-istorja tat-twelid, passjoni u qawmien ta' Ġesù Kristu.



Imma forsi l-aktar ċelebrazzjoni liturġika impressjonanti hi dik tal-Milied f'Betleħem. Nhar l-24 ta' Diċembru, il-Patrijarka Latin ta' Ġerusalem jitlaq mis-sede tiegħu fil-Patrijarkat Latin ħdejn il-Bieb ta' Ġaffa, f'Ġerusalem, u jmur fil-Knisja tan-Nativitá f'Betleħem. L-Insara tal-Palestina, flimkien ma' pellegrini mid-dinja kollha, jistennewh fit-triq li tagħti għall-Bażilika f'atmosfera ta' ċelebrazzjoni ta' ferħ. Il-Musulmani Palestinjani jaqsmu magħhom il-ferħ ta' l-okkażjoni meta jieħdu sehem fil-laqgħa tal-Patrijarka. Minn meta twaqqfet l-Awtorità Nazzjonali Palestinjana, il-President u s-Sinjura Arafat jieħdu sehem fil-quddiesa ta' matul il-lejl tal-Milied. Dan hu ġest li jrid jafferma r-rabtiet eċċellenti bejn Musulmani u Insara li jikkaratterizzaw ir-relazzjonijiet bejn Musulmani u Insara fl-Art Imqaddsa.

### Sinjali ta' inkwiet

Minkejja l-qawwa li l-ħajja ta' Ġesù, il-mewt u l-qawmien tiegħu, jipprovdu lill-insara fl-Art Imqaddsa, hemm sinjali ta' inkwiet li jindikaw li l-Insara indiġeni ta' l-Art Imqadda qegħdin f'periklu li jsiru relikwa ta' l-imgħoddi. Fl-1893, l-Insara fl-Art Imqaddsa kienu jagħmlu 13 fil-mija tal-popolazzjoni. Fil-bidu ta' dan il-millennju, l-Insara Palestinjani huma inqas mit-2 fil-mija tal-popolazzjoni kollha ta' l-Art Imqaddsa.

It-tendenza lejn l-emigrazzjoni fost l-Insara Palestinjani tkompli, u qed tippreżenta sfidi speċjali fi żmien meta huma meħtieġa l-kapaċitajiet, in-"know-how" u l-perspettiva tagħhom fl-isforz ta' bini ta' Stat u istituzzjonijiet ġodda.

Il-mistoqsija li llum nisimgħu hi: fejn tinsab il-Knisja Palestinjana fil-mod kif tħares lejn din il-ġabra ta' problemi marbutin flimkien? Qabel xejn, hemm il-problema ta' kif wieħed irid iżomm il-preżenza u l-ħidma Kristjana fl-Art Imqaddsa. It-tieni, il-Palestinjani kollha qed jiġu wiċċ imb'wiċċ mal-bini mill-ġdid tas-soċjetà tagħhom fl-istituzzjonijiet ċivili u pubbliċi tagħha. It-tielet, u minkejja s-sens ta' diżappunt bir-riżultati tal-proċess ta' paċi, tibqa' dejjem quddiemna l-problema ta' kif se sseħħ ir-rikonċiljazzjoni u l-paċi.

### Il-preżenza Kristjana u l-ħajja tal-Knisja Indiġena Palestinjana

Biex il-preżenza u l-ħajja Kristjana jibqgħu sħaħ, il-knejjes ta' l-Art Imqaddsa huma msejħin biex jaħdmu flimkien aktar mill-qrib. Il-mexxejja reliġjużi jridu jingħaqdu biex jiżviluppaw aġenda komuni li jkollha l-iskop li żżomm lill-insara fl-Art Imqaddsa u tiżgura li l-komunitajiet li huma qodma sekli sħaħ ikomplu jiffunzjonaw. Il-ħajja futura tal-komunitajiet Insara ma tistax tkun sforz egoista jew iċċentrat biss fuq reliġjon. Trid tkun inizjattiva li tiżgura n-natura ta' ħafna sfumaturi li tikkaratterizza l-istruttura soċjali u reliġjuża ta' dan il-pajjiż. Hi tiżgura wkoll li l-Insara Palestinjani indiġeni ma jispiċċawx li jiffurmaw komunitajiet espatrijati f'artijiet hekk imbiegħda bħalma huma l-Awstralja, iċ-Ċile, il-USA u l-Kanada, fost postijiet oħrajn. Hi ħaġa ta' niket li hemm aktar Palestinjani Insara minn Ġerusalem li jiċċelebraw l-Għid f'Sydney, Awstralja, milli hemm fl-istess belt ta' Ġerusalem. Dan l-eżodu ta' Insara qiegħed iħabbar li forsi l-ħajja komunitarja kif konna nafuha u għamilna esperjenza tagħha fl-Art Imqaddsa għal ġenerazzjonijiet bla għadd, qiegħda fil-fażi tat-tmiem tagħha.



Il-ħajja u l-ġejjieni tal-komunità Kristjana mhijiex biss ir-responsabiltà tal-knejjes u tal-mexxejja tagħhom. Il-lajċi għandhom bżonn jimpenjaw ruħhom aktar favur ir-responsabiltajiet tagħhom biex jiżguraw kontinwità għall-komunitajiet tagħhom. L-emfasi fuq l-impenn u s-servizz li jiżgura l-ġejjieni tal-komunità jista' biss jagħti frott permezz tax-xogħol u l-impenn biex wieħed jilqa' l-isfidi li qed taffaċċja s-soċjetà Palestinjana in ġenerali. L-Insara Palestinjani mhumiex gżira magħluqin fihom infushom: huma parti sħiħa mis-soċjetà u l-kuntest tagħhom u għaldaqstant il-ħajja u l-ġejjieni tal-komunitajiet tagħhom trid tidher biss meta huma jaqsmu t-tħassib u l-preokkupazzjonijiet tal-Palestinjani l-oħrajn sħabhom. Għaldaqstant, ma għandux ikun hemm kunsiderazzjoni li tagħmel għażla tal-problemi ta' l-Insara Palestinjani minn dawk ta' sħabhom il-Palestinjani l-oħrajn, imma biss kunsiderazzjoni ta' dawn il-problemi bħala parti mill-problemi kbar tal-Palestinjani kollha.

Ċertament, il-Knejjes fil-Punent u istituzzjonijiet oħrajn simili jistgħu jgħinu lill-Insara Palestinjani billi jiżguraw il-

**Il-"Kawwas" lebsin kostum Tork jgħassu u jmexxi l-pellegrinaġġi uffiċjali tal-franġiskani u l-pellegrini**



ħajja tal-ġejjieni tal-komunitajiet tagħhom, bħala parti mill-isforz biex jiżguraw l-iżvilupp b'saħħtu tas-soċjetà Palestinjana. Imma s-sħubija mal-Knejjes tal-Punent u mal-Kristjani ma tridx tiżviluppa f'relazzjoni ta' turija ta' ħniena qisha bejn il-proprjetarju u l-klijent. Pjuttost trid tisħaq dwar il-viżjoni li kulħadd jaqsam flimkien mibnija fuq il-ħniena Kristjana u fuq il-ftuħ lejn xulxin u lejn kulħadd. L-ewwel kunsiderazzjoni fis-sħubija mal-Knejjes tal-Punent trid tkun kif nistgħu nagħtu qawwa lill-Palestinjani, inklużi l-Insara li hemm fosthom, biex jibnu s-soċjetà tagħhom u jagħmlu lista tal-prijoritajiet tagħhom fi qbil ma' dak li jxekkel l-iżvilupp u mar-riżorsi limitati tagħhom.

L-aġenda prattika li l-Insara Palestinjani u l-Knejjes tagħhom jridu jiżviluppaw irid ikollha x'taqsam ma' kif se jżommu liż-żgħażagħ f'dan il-pajjiż, l-aktar dawk li huma fil-faxxa ta' età bejn l-20 u d-29 sena, u li huma fl-ogħla riskju ta' emigrazzjoni.

L-attivazzjoni tal-membri tal-Knejjes u l-inseriment tagħhom f'dak kollu li jmiss il-komunitajiet tagħhom hu mod ieħor kif isir proċess ta' inkoraġġiment b'mod ekumeniku. Prijorità fid-diversi istituzzjonijiet akkademiċi li huma immexxijin mid-diversi Knejjes trid tkun li joffru edukazzjoni ta' kwalità u taħriġ vokazzjonali u professjonali. Il-Knisja trid taħseb b'mod partikulari kif se tappella għall-mod kif jaħsbuha n-nies, b'rabta mad-dinja permezz ta' teknoloġija elettronika u awdoviżwali. Il-preżenza u l-ħajja futura ta' l-Insara tista' tiġi żgurata biss jekk aħna, bħala Insara Palestinjani, għandna r-rieda li naċċettaw l-isfida tal-modernità spalla ma' spalla ma' l-isfida li nibqgħu fidili lejn il-wirt u l-għeruq tagħna. Din mhix biċċa xogħol faċli u hemm min jiddubita jekk qatt tistax taħdem. Imma jekk aħna nistgħu ngħinu lilna nfusna u lis-soċjetà tagħna biex naħkmu taħt idejna din l-isfida, allura forsi nkunu nistgħu nikkontribwixxu biex noħolqu rabtiet ġodda li jgħinuna lkoll niddeterminaw x'tip ta' soċjetà Palestinjana rridu ngħixu fiha.

## Kif nibnu s-Soċjetà Palestinjana u l-Istituzzjonijiet tagħha

Missirijietna dejjem kienu fidili lejn din l-Art, lejn l-istorja u l-wirt soċjali u kulturali tagħha. Huma saħħu rabtiet tajbin ma' dawk li jgħixu magħhom fl-istess Art. L-identifikazzjoni tagħhom ma' l-Art kienet kemm reliġjuża kif ukoll nazzjonali. Huma kienu wkoll strumentali biex iwasslu lill-Knejjes ħalli joffru s-servizzi meħtieġa lill-Palestinjani ta' kull tip fl-oqsma edukativi, mediċi u soċjali. Ħafna Insara Palestinjani kienu attivi fil-politika kemm fi ħdan il-Moviment Nazzjonali Palestinjan fi żmien il-Mandat Ingliż, jew matul il-perjodu bejn l-1948 u l-1967, jew mal-PLO, l-aktar wara l-gwerra ta' l-1967.

Fil-preżent, ħafna Insara Palestinjani għandhom pożizzjonijiet ta' responsabiltà fi ħdan l-Awtorità Nazzjonali Palestinjana, kemm fi ħdan il-Kunsill Leġislattiv kif ukoll fil-kapaċitajiet diversi amministrattivi u ministerjali. Oħrajn ħadmu fuq livelli ambaxxatorjali, u qed ikomplu jagħmlu dan fi ħdan il-PLO. L-Insara Palestinjani dejjem kienu tradizzjonalment komdi fi ħdan il-moviment nazzjonali li jqiegħed l-identità nazzjonali qabel l-isfond reliġjuż ta' dak li jkun.

*(kompli f'paġna 381)*



# San Frangisk u s-Sultan

*Il-preżenza Franġiskana fl-Orjent*

*Jikteb P. Noel Muscat ofm*

Franġiskani fl-Art Imqaddsa

# Il-bidu tal-preżenza Franġiskana fl-Orjent (1)

### San Franġisk mar iżur il-Postijiet Qaddisa?

Id-dokumenti li jixhdu li San Franġisk talab lis-Sultan ta' l-Eġittu Malek-al-Kamil xi permess, jew *signaculum*, biex ikun jista' jmur bil-libertà ħalli jżur il-Postijiet Qaddisa tal-Palestina, huma kollha tardivi. Dak iż-żmien is-santwarji tal-fidwa kienu kollha f'idejn id-dinastija Ayyubida ta' l-Eġittu.

L-ewwel xhieda miktuba jagħtihielna Angelo Clareno, fil-*Chronica seu Historia septem tribulationum Ordinis Minorum*, miktuba fl-1323-1325. Skond Clareno is-Sultan ħalla lil Franġisku u lill-patrijiet tiegħu jmorru liberament fil-Qabar ta' Kristu mingħajr ma jħallsu t-tribut li l-Insara kollha kellhom iħallsu lill-Misilmin biex jidħlu fihom. Storikament dan il-fatt ma nistgħux nippruvawh għal diversi raġunijiet. Il-waqfien mill-ġlied li kien ġie deċiż bejn l-Imperatur Federiku II u s-Sultan Malek-al-Kamil fl-1229 ma kienx għadu jorbot fl-1220. Kien biss mill-1229 'il quddiem, li l-Imperatur Federiku II kiseb bid-diplomazija dak li l-kruċjati ma kienu qatt kisbu bil-forza. Wara l-1229, u sa l-1241, l-Insara, u għalhekk anke l-patrijiet Franġiskani, setgħu jmorru pellegrinaġġ Ġerusalem, u hemmhekk nafu li fl-1229 kien hemm l-ewwel kunvent ċkejken tal-patrijiet qrib il-post li llum ifakkar il-ħames stazzjoni tal-Via Crucis. Mela, għalkemm nafu li fra Elija u l-patrijiet kienu diġà preżenti fl-Art Imqaddsa sa mill-1217, l-aktar fil-belt ta' Akri, għall-belt ta' Ġerusalem irridu nistennew l-1229, jiġifieri tliet snin wara li miet San Franġisk. Jiġifieri, id-dokumenti li jgħidu li San Franġisk żar il-Postijiet Qaddisa f'Ġerusalem, u forsi Betleħem, irridu nifluhom sewwa fil-kuntest ta' dak li l-istorja taf biż-żgur. Fl-1229 kien possibbli li l-patrijiet jgħixu Ġerusalem, imma mhux fl-1220. Imma dak li l-aktar jinteressana hu li kien hemm projbizzjoni assoluta, imqawwija minn skomunika papali, għal min fost l-Insara jazzarda jmur fil-Postijiet Qaddisa li kienu f'idejn l-"infidili". Ma nistgħux nifhmu kif Franġisku, kieku kien jaf b'din il-projbizzjoni, seta' qatt imur kontra x-xewqa tal-Papa.

Fi studju ta' Giulio Basetti-Sani ("San Francesco è incorso nella scomunica? Una bolla di Onorio III ed il supposto pellegrinaggio del Santo a Gerusalemme", in *Archivum Franciscanum Historicum* 65 (1972) 3-19), naraw li immedjatament wara l-elezzjoni tiegħu fl-1216, Onorju III kompla l-programm ta' Innoċenz III li kien ħabbar il-ħames kruċjata waqt il-Konċilju Lateran IV fl-1215. Fl-istess jum ta' l-inkoronazzjoni tiegħu f'Perugia, fil-25 ta' Lulju 1216, Onorju III kiteb lil Jean de Brienne, re ta' Ġerusalem, biex jagħtih l-appoġġ tiegħu għall-kruċjata. Sena wara, fl-24 ta' Lulju 1217, Onorju III kiteb Bulla li indirizzaha lill-arċisqof ta' Genova u lill-kardinal legat Pelagio Galvan, isqof ta' Albano, li hu kien għadu kif ħatru kmandant suprem tal-kruċjata. F'dan id-dokument il-Papa jiddikjara espressament il-projbizzjoni tiegħu għal dawk kollha li jieħdu sehem fil-kruċjata biex ma jmorrux pellegrinaġġ lejn il-Qabar ta' Kristu: «Minn naħa tagħna niddikjaraw li jidħol fi skomunika min, fost il-kruċjati kollha, jazzarda jżur il-Qabar tal-Mulej, għaliex l-ebda Kristjan



ma jista' jmur hemm mingħajr ma jħallas it-tribut lis-Saraċini». Fil-fatt, f'dak iż-żmien, il-knisja tas-Santu Sepulkru f'Ġerusalem kienet magħluqa u mingħajr uffiċjatura, u l-pellegrini setgħu jidħlu biss fiha għal ftit mumenti wara li jħallsu t-tribut. Il-Papa ma riedx iħaxxen bwiet l-"infidili" bil-flus tal-pellegrini insara! Għal dawn ir-raġunijiet l-istudjuż Basetti-Sani ma jaħsibx li hu possibbli li Franġisku seta' żar il-Postijiet Qaddisa fl-1219-1220:

«It-teżi ta' Patri Golubovich, aċċettata kważi minn kulħadd, li San Franġisk baqa' fl-Orjent għal sena sħiħa, mhijiex ibbażata fuq l-ebda dokument antik, imma biss fuq l'*Estoire de Eracles*… Il-fatt li Angelo Clareno kien fl-Orjent, fl-Armenja (1290-1293), fejn kellu jsofri ħafna mill-patrijiet ħutu, u li mbagħad għadda fil-Greċja, jista' jispjega l-oriġini ta' l-informazzjoni li hu jagħtina dwar il-pellegrinaġġ li l-qaddis suppost li għamel f'Ġerusalem… Il-vjaġġ tal-qaddis allura jidher fl-idejal komuni għall-insara kollha: il-pellegrinaġġ lejn is-Santu Sepulkru. Bdew jimmaġinaw lil San Franġisk li jmur fl-Orjent biex hu wkoll jagħmel il-pellegrinaġġ lejn Ġerusalem. Hu f'dan il-kuntest storiku u psikoloġiku li nifhmu dik iċ-ċerta insistenza li Clareno juri biex jispikka fatt ta' pura fantasija, li l-ebda wieħed mill-bijografi tal-qaddis qatt ma irrefera għalih… Kien wara li s-Santa Sede fl-1342 ħalliet uffiċjalment f'idejn il-Patrijiet Minuri l-"Kustodja tal-Qabar ta' Kristu", meta l-Knisja ma kienetx għadha tħabbel rasha mill-evanġelizzazzjoni tal-Misilmin, li kien faċli li l-patrijiet jimmaġinaw



lill-Missier serafiku tagħhom jibgħathom fl-Orjent biex iżommu bil-qima il-Postijiet Qaddisa… F'dan l-iżvilupp mogħti miċ-ċirkustanzi storiċi, li fih il-patrijiet kienu kważi insew il-programm tar-Regola ta' l-1221 dwar ix-xhieda li jridu jagħtu fid-dinja Musulmana, li huma bdew joħolqu x-xbieha tal-Missier tagħhom "pellegrin fil-Postijiet Qaddisa", u kienu jemmnu li setgħu jsibu fiż-"żjara lejn il-Qabar ta' Kristu" l-motiv ewlieni tal-vjaġġ tiegħu fl-Orjent. Hekk bdiet tiffor-ma ruħha l-leġġenda pija».

Hemm xhieda oħra, din id-darba aktar dgħajfa, li ġejja mill-*Actus Beati Francisci et Sociorum eius*, li inkiteb fil-perjodu 1327-1337 minn fra Ugolino Boniscambi di Monte Santa Maria (Montegiorgio), fil-kapitlu 27. F'din ix-xhieda jingħad sempliċement li s-Sultan ta l-permess lil Franġisku u lill-patrijiet tiegħu biex jippriedkaw liberament fis-saltna tiegħu, u bħala prova ta' dan tah *signaculum* jew firman irjali. Fi kliem ieħor, jiġi affermat li Franġisku seta' liberament jivvjaġġa fit-territorji Musulmani, inkluża l-Art Imqaddsa, imma xorta waħda ma jingħad xejn dwar xi vjaġġ lejn il-Postijiet Qaddisa.

Dawn ix-xhieda rajna li huma tardivi. Jolqotna l-fatt li l-ewwel xhieda dokumentarji fil-Fonti Franġiskani ma jgħidu assolutament xejn dwar żjara ta' Franġisku fil-Postijiet Qaddisa, u lanqas meta jitkellmu mill-fatti li ġraw fi Greccio u La Verna, li tant huma naturalment marbutin mal-misteru ta' Betlehem u ma' dak tal-Kalvarju. Li San Franġisk mar fis-Sirja, jiġifieri fit-territorji li l-kruċjati kien għad kellhom f'idejhom fil-Palestina, wara li hu telaq minn Damietta, x'aktarx li hu possibbli, imma ħadd ma jista' jkun jaf eżattament għal kemm żmien dam hemmhekk qabel ma kellu jerġa' lura malajr fl-Italja, imsejjaħ b'urġenza għaliex kien hemm diżordni fl-Ordni, ħtija taż-żewġ vigarji Matteo da Narni u Gregorio da Napoli.

Giordano da Giano, fil-Kronaka tiegħu, li hi xhieda prezzjuża fuq il-ġrajjiet tal-bidu ta' l-Ordni, wara li jitkellem dwar iż-żjara ta' Franġisku għand is-Sultan (par. 10), ikompli:

«Meta ried jaqsam il-baħar fil-kumpanija tal-beatu Pietro Cattani, li kien espert u mgħallem fil-liġi, l-imqaddes Franġisku kien ħalla warajh żewġ vigarji: fra Matteo da Narni u fra Gregorio da Napoli… L-imqaddes Franġisku, wara li ħa miegħu lil fra Elija, lil fra Pietro Cattani u lil fra Cesario, dak li fra Elija, bħala ministru tas-Sirja, kien laqgħu fl-

Ordni…u patrijiet oħrajn, reġa' lura fl-Italja».

Kollox ġara b'ħafna għaġġla, u forsi nistgħu anke niddefendu t-teżi ta' dawk li jaffermaw li l-vjaġġ tar-ritorn fl-Italja seħħ lejn tmiem Settembru 1219, jiġifieri qabel il-waqgħa ta' Damietta, u li allura Franġisku iltaqa' mas-Sultan matul il-perjodu qasir ta' waqfien mill-ġlied bejn id-29 ta' Awissu u s-26 ta' Settembru 1219. Il-vjaġġ tar-ritorn għaddieh mit-territorji tar-Repubblika ta' Venezja tul l-Adrijatiku, jiġifieri Candia (Kreta), il-Greċja, l-Albanija, id-Dalmazja, u l-wasla fl-Isola del Deserto ta' Venezja.

## Id-djalogu ta' Franġisku ma' l-Islam: storja possibbli

Il-kuntest storiku li fih twieldet il-ħames kruċjata, qabel, matul u wara l-Konċilju Lateran IV, hu importanti biex nifhmu l-urġenza li ħass Franġisku biex imur fl-artijiet ta' l-"infidili". Innoċenz III kien bagħat l-ittra *Vineam Domini* f'April 1213, li fiha ħabbar il-Konċilju Lateran IV. Fl-istess xahar ippubblika l-ittra enċiklika *Quia maior*, biex jagħti bidu għall-ħames kruċjata, li kienet programmata għas-snin 1217-1221. Innoċenz III kien talab għal "tregua di Dio" bejn il-prinċpijiet kristjani ta' l-Ewropa, biex jikkonvinċihom jieqfu mill-ġlied bejniethom u jiġbru l-forzi u l-mezzi meħtieġa ħalli jerġgħu jieħdu f'idejhom il-Qabar ta' Kristu, li kien intilef għall-Insara wara l-waqgħa tar-Renju Latin ta' Ġerusalem, li seħħet fit-2 ta' Ottubru 1187, meta Ġerusalem waqgħet f'idejn Saladin. Bl-ittra *Pium et sanctum propositum*, Innoċenz III organizza l-predikazzjoni tal-kruċjata, li wara l-mewt tiegħu f'Perugia fis-16 ta' Lulju 1216, tkompliet mill-Kardinal Ugolino u minn bnedmin magħrufin bħal Jacques de Vitry.

Hu f'dan il-kuntest storiku li rridu nqiegħdu mhux biss l-inizjattiva oriġinali ta' Franġisku ta' Assisi li jmur fl-Orjent, imma wkoll nistudjaw id-dokumentazzjoni franġiskana li għandha x'taqsam mal-vokazzjoni ta' l-aħwa li jmorru fost is-Saraċini. Id-dokument uffiċjali hu l-kapitlu 12 tar-Regola Bullata tal-Patrijiet Minuri, approvata minn Onorju III fid-29 ta' Novembru 1223, li hi l-ewwel regola li storikament fiha kapitlu fuq il-missjoni fost il-ġnus. Din kienet tweġiba prattika għall-bżonnijiet li kienu twieldu fl-Ordni, wara li dan skopra s-sejħa tiegħu li jkun Ordni missjunarju. Fl-istess ħin iżda, irridu ngħidu minn issa li din ir-Regola Bullata inkitbet sentejn wara dokument ieħor li għandu deskrizzjoni aktar dettaljata dwar il-missjoni fost is-Saraċini. Dan hu r-Regola mhux Bullata ta' l-1221, fil-kapitlu 16. Nagħmlu mela eżami qasir tal-kapitlu 12 tar-Regola Bullata, biex imbagħad niġbdu xi konklużjoni mir-riflessjonijiet bl-għajnuna tal-kliem tar-Regola ta' l-1221.

«Dawk l-aħwa, li imnebbħa minn Alla, iridu jmorru fost is-Saraċini u infidili oħra, għandhom jitolbu l-permess li jagħmlu dan minn għand il-ministri provinċjali tagħhom. Iżda l-ministri ma għandhomx jagħtu dan il-permess, jekk mhux lil dawk li jaraw li huma tajbin biex jintbagħtu» (Regola Bullata, kap. 12).

Martino Conti OFM, fl-istudju tiegħu fuq ir-Regola Franġiskana (*Il Codice di Comunione dei Frati Minori*, Pontificium Athenaeum Antonianum, Roma 1999, 389), jgħid:

«Nistgħu inqisuha bħala ċertezza li l-ideja missjunarja, li biha hi ispirata r-Regola, kienet diġà preżenti fl-għażla vokazzjonali ta' San Franġisk u ta' l-ewwel aħwa, li kienu ingħaqdu miegħu fil-missjoni ta' paċi, u kienet ukoll inkluża fil-mandat ta' predikazzjoni tal-penitenza li l-Ordni kien irċieva mingħand Innoċenz III fl-1209-10».

Fil-kliem tar-Regola, Franġisku jitkellem minn dawk li jmorru "fost is-Saraċini u infidili oħra". Hu importanti ninnotaw li s-Saraċini jew Musulmani jokkupaw post rilevanti. Jekk dan seħħ minħabba l-kuntest storiku li fih kien qiegħed jikteb San Franġisk, jiġifieri dak



tal-ġlieda armata kontra l-Islam biex l-Insara jerġgħu jirbħu l-Qabar ta' Kristu (bir-raġunijiet storiċi l-oħrajn kollha marbutin ma' dan), nistgħu ngħidu li jibqa' attwali illum aktar minn qatt qabel, f'dinja li qed tiġi quddiem il-problema taħraq tar-radikaliżmu jew fundamentaliżmu, li hu partikolarment evidenti fid-dinja Islamika.

Franġisku jinsisti fuq l-ispirazzjoni divina li trid iċċaqlaq lill-patri li jitlob l-ubbidjenza biex imur fil-missjoni. Mill-esperjenza tiegħu, hu kien iħossu msejjaħ mill-Mulej biex iwassal l-Evanġelju mhux biss lill-insara, imma anke lil dawk li kienu meqjusin bħala "infidili". Fil-fatt, il-kapitlu 12 tar-Regola Bullata jinsisti fuq żewġ elementi fundamentali tal-kariżma missjunarju ta' l-Ordni, jiġifieri, l-vokazzjoni missjunarja, li hi frott ta' l-ispirazzjoni divina, u l-missjoni vera u proprja, li tingħata mill-ministri u l-qaddejja tal-fraternità, bħala rappreżentanti ta' l-għaqda mal-Knisja fi ħdan l-Ordni.

Il-metodoloġija missjunarja Franġiskana tintwera mhux biss bl-eżempju ta' Franġisku li jmur jiltaqa' mas-Sultan, imma wkoll minn dawk li l-Qaddis jikteb fir-Regola ta' l-1221, li tiddedika l-kapitlu 16 għall-missjunarji fost il-Misilmin. Hu l-ewwel riferiment għall-missjoni fost il-ġnus ta' l-Ordni Franġiskan:

«Kull min mill-aħwa jkun jixtieq imur missjunarju qalb is-Saraċini u nies oħrajn li ma jemmnux, ħa jmur wara li jkun qala' l-permess tal-ministru u l-qaddej tiegħu. U l-ministru, il-permess għandu jagħtihulhom bla ma



joqgħod iħaqqaqha magħhom jekk jara li huma denji li jintbagħtu għal din il-missjoni. Hu jkollu ġurnata jagħti kont lill-Mulej jekk f'dil-ħaġa, u fi ħwejjeġ oħra wkoll, ma jimxix bid-dehen kif għandu jimxi.

«L-aħwa, imbagħad, li jmorru għall-missjoni, jistgħu jġibu ruħhom ma' dawk in-nies b'żewġ modi. L-ewwel mod hu dan, li jaħarbu kull tilwim u diskussjonijiet fiergħa bejniethom, u joqogħdu għal kull krejatura umana għall-imħabba ta' Alla; jistqarru wkoll bid-dieher li huma nsara. Il-mod l-ieħor huwa dan, li meta jaraw li jogħġob lill-Mulej, ixandru l-Kelma ta' Alla biex dawk li jisimgħuhom jemmnu f'Alla li jista' kollox, il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, ħallieq ta' kollox, u fl-Iben, Feddej u Salvatur, u jitgħammdu u jsiru nsara, għax min ma jitwelidx mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla».

Il-kontenut tejoloġiku-spiritwali tal-kapitlu 16 tar-Regola mhux Bullata joffrilna ċ-ċavetta biex nifhmu l-metodu franġiskan ta' evanġelizzazzjoni lill-popli, u partikularment fid-dinja Islamika. Jidhirli li l-metodoloġija ta' Franġisku hi waħda dejjiema. Ilkoll aħna konxji li l-evanġelizzazzjoni li timmira lejn il-konverżjoni tad-dinja Islamika skond il-metodu klassiku tal-kelma hi destinata għal falliment, u sfortunatament iġġib ukoll magħha l-ebusija tal-pożizzjonijiet fundamentalisti anti-kristjani. Kienet diġà indikazzjoni ta' diżastru fi żmien San Franġisk, meta l-kruċjati kienu espressjoni ta' fundamentliżmu kristjan kontra l-Evanġelju, li kien iservi biss biex ikabbar il-mibgħeda u l-vjolenza. Ma rridux ċertament nagħtu ġudizzju fuq il-kruċjati barra mill-kuntest storiku li fih twieldu, imma l-valuri ta' l-Evanġelju ma jafux b'kundizzjonamenti storiċi.

X'għamel San Franġisk biex jara li d-djalogu mas-Sultan, l-akbar rappreżentant ta' l-għadu "infidil", ikun possibbli? Ir-Regola mhux Bullata tagħtina tweġiba. Franġisku ma għamilx diskussjonijiet ta' kwestjonijiet: fi kliem ieħor, ma marx għand is-Sultan biex jiddiskuti jew jikkummenta fuq kwestjonijiet tejoloġiċi. Rajna mill-għejjun l-aktar qodma li dan ma ġarax. Huma biss l-għejjun l-aktar tardivi li jitkellmu minn diskussjonijiet tejoloġiċi fuq il-fil tad-diskors apoloġetiku kontra l-"infidili". Franġisku ma kienx lanqas kapaċi li jagħmel dan, għaliex hu kien iqis lilu nnifsu "sempliċi u bla skola". Hu kien biss kapaċi li jagħti l-awgurju tal-paċi li r-reliġjonijiet kollha "tal-

Ktieb", lhudija, kristjana u musulmana, jistgħu jifhmuh tajjeb ħafna. Hu mar għand is-Sultan bir-rispett lejn l-awtorità ċivili u reliġjuża tiegħu. Fl-ispirtu tar-Regola, hu sar sudditu u ubbidjenti għal kull krejatura umana. Ma riedx jidher superjuri, u għalhekk, differenti. Il-minorità tiegħu saret is-sigriet tas-suċċess veru tiegħu quddiem Malek-al-Kamil, li ma kienx jikkonsisti filli hu jikkonvertih għall-kristjaneżimu, imma li jagħmel minnu, li kien l-akbar għadu ta' l-Insara, il-ħabib personali tiegħu. Il-fonti jixhdulna li s-Sultan baqa' impressjonat mill-faqar ta' Franġisku u mid-distakk tiegħu mill-ġid materjali. Ta' Musulman tajjeb li kien, hu kellu stima lejn il-valur ta' l-għoti ta' karità kif ukoll lejn ir-rispett li wieħed għandu jkollu lejn il-bniedem ta' Alla. Fl-aħħarnett, Franġisku stqarr, bis-sempliċità u l-umiltà, li kien Nisrani, jiġifieri, dixxiplu ta' Ġesù ta' Nazaret, l-imsallab. Hu ma ċediex għal sinkretiżmu, ma qagħadx iħallat flimkien ir-reliġjonijiet biex ikollu minimu ta' suċċess fl-isforz tiegħu li jiddjaloga ma' min kien divers. Hu baqa' fidil mal-Mulej tiegħu, mingħajr ma impona l-fidi tiegħu.

Kien f'mument ieħor, jiġifieri, wara li wera dawn il-kwalitajiet li huma mill-aktar kristjani, li l-ebda Musulman ma jistax ma japprezzahomx, li Franġisku seta' jitkellem dwar Kristu, Iben Alla. F'dan l-isforz ta' evanġelizzazzjoni mill-aktar professjonali, ċertament ma kellux ħafna suċċess. Minkejja dan, irridu nifhmu li ħadd ma kien se jagħti widen għal Franġisku kieku qabel ma kienx wera l-kwalitajiet meħtieġa biex jibni djalogu. Naħseb li, il-fatt stess tas-Sultan li jisma' lil Franġisku, kien forsi l-aħħar okkażjoni li fih Musulman infetaħ għall-messaġġ Nisrani b'inizjattiva proprja.

Aħna l-Franġiskani fortunati li għandna tradizzjoni rikka ħafna ta' kontenuti fir-relazzjoni bejn il-Kristjaneżimu u l-Islam. Xi ħadd jista' joġġezzjona li l-"infidili" kienu dawk li qatlu l-akbar numru ta' martri Franġiskani mill-bidunett ta' l-Ordni. Dan jista' jkun anke veru, imma jekk inħarsu lejn l-istorja mill-punt li kien ħares lejha Franġisku wara li kien sema' bil-martirju ta' fra Berardu u sħabu fil-Marokk fl-1220, allura inkunu nistgħu ngħidu miegħu: «Issa nista' tassew ngħid li għandi ħames patrijietm minuri».

Tul tmien sekli ta' storja, il-Franġiskani kienu dejjem minn quddiemnett fid-djalogu bejn ir-reliġjonijiet mad-dinja Islamika. Ixxhieda tal-martirju ġiet imsaħħa bl-isforz sinċier li jmorru jiltaqgħu ma' l-"infidili" u jkellmuhom dwar Kristu u l-Evanġelju tiegħu, filwaqt li jfittxu punti ta' kuntatt fuq valuri komuni. L-ewwel martri ta' l-Ordni f'Marrakesh fil-Marokk (16 ta' Jannar 1220), Bernardu u sħabu, il-martri ta' Ceuta fil-Marokk (122), Danjel u sħabu, l-ewwel martri ta' l-Art Imqaddsa, maqtulin f'Ġerusalem fl-1391, Nikola Tavelic u sħabu, id-*doctor illuminatus*, Ramon Llull, maqtul f'Bugie, fl-Afrika ta' fuq id-29 ta' Ġunju 1315, meta kellu 'l fuq minn tmenin sena, wara ħajja sħiħa mogħtija għad-djalogu mad-dinja Islamika, huma kollha eżempji mill-aktar magħrufin ta' l-isforz ta' relazzjoni inter-reliġjuża li l-Ordni Franġiskan ħa fil-konfront ta' l-"infidili". Il-metodu ta' djalogu bejn ir-reliġjonijiet mhux dejjem sar skond kriterji evanġeliċi fis-sens attwali tal-kelma. Imma, ma nistgħux niċħdu l-kuraġġ ta' dawn il-persunaġġi li jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' l-isfida tat-tħabbira bħala frott ta' xhieda ta' ħajja kristjana fl-artijiet ta' dawk li kienu magħrufin bħala "infidili".

Ma nistgħux ma nitkellmux dwar ir-relazzjoni ta' Franġisku ma' l-Islam mingħajr ma nagħmlu riferiment għall-preżenza ta' sekli sħaħ tal-patrijiet fil-Lvant nofsani, f'dik li hi magħrufa bħala l-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa. Il-patrijiet ilhom preżenti fl-Orjent sa mill-1217, meta fil-Kapitlu ta' Għid il-Ħamsin, intbagħtu l-ewwel missjunarji fl-artijiet ta' "oltremare". Wieħed mill-ewlenin li marru fost is-Saraċini kien fra Elija, li sar Ministru Provinċjal tas-Sirja. Wara l-waqfien mill-ġlied li Federiku II ta' Svevia



ikkonkluda ma' Malek-al-Kamil fl-1229, insibu l-ewwel kunvent tal-patrijiet fil-belt il-qaddisa ta' Ġerusalem, qrib il-ħames stazzjon tal-Via Crucis. Minn dak il-mument, għalkemm mhux mingħajr diffikultajiet kbar, u perjodi ta' persekuzzjoni feroċi kontra l-"latini", jew il-Patrijiet Minuri, li kien assoċjati mal-qawwiet tal-punent minn fejn kienu jiġu l-kruċjati, ulied San Franġisk qatt ma abbandunaw ix-xhieda ta' l-Evanġelju fl-artijiet tas-Saraċini, l-istess artijiet li tqaddsu bid-demm ta' Kristu.

Fl-1272 is-Sultan Bibars ta l-permess lill-patrijiet biex jgħixu fiċ-Ċenaklu fuq il-Għolja ta' Sijon. Fl-1309 il-patrijiet kienu preżenti fil-Qabar ta' Kristu u f'Betleħem. Fl-1335 ir-re Roberto d'Angiò u martu, Sancia di Maiorca, xtraw iċ-Ċenaklu lill-patrijiet, li allura sar il-kunvent ewlieni tal-preżenza tagħhom fl-Art Imqaddsa. Il-Papa Klement VI, bil-Bulli pontifiċji *Gratias agimus* u *Nuper charissimae* ta' l-1342, iddikjara lill-Patrijiet Minuri bħala l-kustodji uffiċjali ta' l-Art Imqaddsa f'isem il-Knisja Rumana.

Din il-ħarsa qasira fl-istorja tal-preżenza Franġiskana fl-Orjent hi prova tal-fedeltà tagħna l-patrijiet għall-mandat li nkunu xhieda ta' Kristu "fost is-Saraċini u infidili oħra". Hi sinjal li d-djalogu bejn ir-reliġjonijiet ma' l-Islam, għalkemm b'diffikultajiet kbar, hu rejaltà possibbli anke fid-dinja tallum. Irridu naħsbu kif nibnu dan id-djalogu mhux biss bħala frott ta' mandat biex "immorru" fil-missjoni fil-pajjiżi Islamiċi, imma anke bħala mod kif nilqgħu lil tant persuni li jiġu mill-Islam fl-



Ewropa, kemm bħala komunitajiet Islamiċi diġà stabiliti, kif ukoll meta naffaċċjaw il-problema ta' l-immigrazzjoni klandestina li tinteressa b'mod partikulari l-baħar Mediterran, għaliex tiġi partikularment mill-pajjiżi ta' l-Afrika ta' fuq.

Il-fenomenu ta' l-Islam li jinvadi l-Ewropa u d-dinja tal-punent b'intenzjoni speċifika li "jikkonvertih" mill-"perversjonijiet morali" tiegħu hu rejaltà li ma nistgħux nittraskurawha. L-effett tal-fundamentaliżmu Islamiku fuq il-pjan politiku, demografiku, idejoloġiku, reliġjuż, hu għajn ta' tħassib serju għal kulħadd. Ċertament iqajjem rabja l-atteġġjament ostili ta' xi kurrenti ta' ħsieb Islamiku li jeskludu bla ebda diskussjoni l-preżenza u x-xhieda kristjana fil-pajjiżi Musulmani, filwaqt li jimponu d-dritt li jxerrdu l-Islam fil-pajjiżi Insara bħala dritt fundamentali ta' libertà ta' espressjoni reliġjuża. Jista' jkun hemm saħansitra t-tentazzjoni li wieħed jeskludi mid-dinja tiegħu lil min ma jridx jaf bi drittijiet fundamentali ta' demokrazija, jekk mhux ukoll min juża t-terrur biex jiddefendi l-idejiet tiegħu u l-istil ta' ħajja tiegħu. Imma forsi Franġisku jista' jkun ta' għajnuna għalina fil-pastorali tagħna li nibdew metodu ġdid. Kien l-eżempju tad-distakk u tal-libertà interjuri tiegħu li ikkonvinċa lis-Sultan rigward l-intenzjonijiet tajbin tiegħu. Franġisku mar bi spirtu ta' sottomissjoni ġeneruż "lejn kull krejatura umana", hu ta widen għal min kien differenti, u irrispetta d-diversità tiegħu. Is-sigriet tas-suċċess li nixtiequ fir-relazzjoni ta' bejn il-Kristjaneżimu u l-Islam, ikun ir-riżultat ta' konvinzjoni li tagħmel separazzjoni ċara bejn l-istil ta' ħajja tad-dinja oċċidentali u l-istil ta' ħajja kristjan, bl-istess mod li Franġisku fired b'mod ċar minn xulxin l-istil ta' ħajja tal-kruċjati u dak ta' Kristu u l-Evanġelju tiegħu.

Bi spirtu profetiku u kuraġġuż, il-komunitajiet reliġjużi u parrokkjali tagħna, barra milli jsiru aktar lesti li jiftħu l-bibien tagħhom fil-konfront tal-Musulmani li llum jgħixu fostna f'numri dejjem aktar jiżdiedu, jistgħu ukoll isiru sinjal ta' kuntradizzjoni mad-dinja oċċidentali li trid "tigglobalizza" lil kulħadd taħt l-istess "slogan" idejoloġiku, li , fl-aħħar mill-aħħar, hu imbiegħed ħafna mill-Evanġelju.

Il-maġisteru reċenti tal-Knisja, ibda mid-digriet *Ad Gentes* tal-Konċilju Vatikan II, u mid-diversi diskorsi ta' Pawlu VI u Ġwanni Pawlu II, u fuq kollox fil-kuntest ta' l-inizjattiva tal-jiem ta' talb għall-paċi fid-dinja li saru

f'Assisi bis-sehem ta' l-ogħla esponenti tar-reliġjonijiet, huma kollha indikazzjonijiet ta' mod ġdid kif aħna l-Insara qed naħsbu u naġixxu. Hu importanti li niġbru d-differenza ta' l-ieħor mhux bħala element ta' firda, imma bħala dehra ta' l-Ispirtu li jaħdem ukoll barra mil-limiti tar-rivelazzjoni kif aħna nafuha. Dawn iż-"żerriegħat tal-Kelma" preżenti fir-reliġjonijiet l-oħrajn, mhumiex okkażjoni ta' sinkretiżmu, fejn kull twemmin isir l-istess, imma jridu jqajjmu r-rispett li aħna għandna jkollna lejn l-oħrajn.

Fil-każ tar-relazzjonijiet tagħna mad-dinja Islamika, irridu nifhmu l-verità mhux bħala rejaltà magħluqa fija nnifisha u li tintlaħaq biss f'biċċa minnha mill-oħrajn. Il-Misilmin, li jemmnu f'Alla li hu fuq kulħadd u li hu ħanin, u li jqisu lilhom infushom bħala ulied Abraham, li għandhom f'idejhom kitbiet sagri li jistħoqqilhom kull rispett, li għandhom stil ta' min ifaħħru ta' ħajja morali fl-impenn tat-talb, sawm u għoti ta' karità, huma għalina okkażjoni biex inpoġġu lilna nfusna f'sitwazzjoni ta' smiegħ reliġjuż u rispett umli. Franġisku għamel proprju dan meta għallem lill-patrijiet biex « jaħarbu kull tilwim u diskussjonijiet fiergħa bejniethom, u joqogħdu għal kull krejatura umana għall-imħabba ta' Alla». Dan hu l-metodu missjunarju li fih jiena nilqa' lill-ieħor fuq l-istess livell tiegħi, mhux b'sens ta' superjorità għaliex jidhirli li jien għandi l-verità b'mod assolut u esklużiv.

Għalkemm irridu nkunu konxji mill-attenzjoni li jixraq ikollna u mill-periklu enormi li wieħed jesponi lilu nnifsu quddiem min għadu jħoss il-gerħat profondi ta' l-imgħoddi, għalkemm jibqgħu tant dubji dwar l-intenzjonijiet tajbin ta' dawk il-Musulmani li nitkellmu magħhom fuq reliġjon, bħal Franġisku nistgħu intennu storja li hi possibbli, jiġifieri, dik li noħorġu nil-taqgħu ma' min, bħalna, hu iben Alla.

Bħal Franġisku li, *per la sete del martiro, / ne la presenza del Soldan superba / predicò Cristo e li altri che 'l seguiro* (Dante Alighieri, *La Divina Commedia, Canto XI del Paradiso*, 100-102), aħna l-Patrijiet Minuri nistgħu nagħmlu possibbli l-istess avventura bl-istil ta' ħajja tagħna, li mhijiex frott ta' idejoloġiji tal-punent jew tal-lvant, imma biss frott ta' stil ġdid tal-ħajja fqira u itineranti tal-profeta Ġesù, li aħna nxandruh bħala Bin Alla u ħu kull bniedem li sinċerament iħobb il-paċi.

***Minn qalbna nixtiequ nwasslu lill-qarrejja tagħna l-isbaħ xewqat għal Milied Hieni u Sena Ġdida mimlija b'kull ferħ u hena***



***li t-Tarbija ta' Betleħem wasslet lilna mill-faqar tal-Għar fejn imtliet bin-nifs tal-ħajja!***

## L-Insara Palestinjani

*(jaqbad minn paġna 372)*

Bil-proċess ta' paċi u n-negozjati li għadhom għaddejjin għall-"final status agreement", l-Insara Palestinjani, l-istess bħall-Palestinjani l-oħrajn, għandhom rwol importanti fil-bini ta' istituzzjonijiet ġodda. Is-soċjetà li aħna nixtiequ mhijiex se tkun ir-riżultat tax-xewqat tal-mexxejja imma se tkun imsawra mix-xewqat tal-poplu. Bl-istess mod, ma hemm l-ebda skuża għall-Palestinjani biex jieqfu milli jieħdu sehem b'mod attiv biex jibnu soċjetà mill-ġdid. Jista' jkun hemm xkiel u restrizzjonijiet, u jista' jkun hemm preferenzi imma, fl-aħħar mill-aħħar, il-parteċipazzjoni hi l-fattur determinanti ta' kif is-soċjetà tkun tidher. Ma nistgħux nibqgħu bl-iskuża li ngorru dwar sitwazzjoni u fl-istess ħin ma nagħmlu xejn biex inbidduluha: din hi l-isfida li tinsab wiċċ imb'wiċċ quddiem il-Palestinjani kollha, inklużi l-Insara.

Matul is-snin ta' l-Intifada, l-Insara Palestinjani kienu impenjati f'varjetà ta' ħidmiet ta' organizzazzjoni politika u soċjali li kellhom l-iskop li jwieżnu l-ħidmiet li kellhom x'jaqsmu mal-qawmien popolari. Ħafna jiftakru, fost dawn l-attivitajiet, it-Tax Revolt ta' Beit Sahour li kienet rabtet flimkien lin-nies ta' dan ir-raħal ta' l-Għalqa tar-Ragħajja f'oppożizzjoni għat-taxxi ta' l-Isaeljani ħakkiema ta' l-art. Il-motto famuż ta' "m'hemmx taxxi mingħajr rappreżentazzjoni" inbidel f'dak ta' "m'hemmx taxxi bl-okkupazzjoni".

L-Insara individwali u l-familji tagħhom kienu involuti fl-attivitajiet attwali li talbu prezz iebes minnhom, inklużi dawk iż-żgħażagħ ġuvintur u tfajliet li sofrew diżabiltitajiet permanenti bħala riżultat ta' feriti li ikkawżaw fuqhom is-suldati Israeljani jew is-"settlers" Lhud. L-esperjenza ta' l-Insara Palestinjani ma kienetx differenti mill-esperjenza ta' Palestinjani oħrajn. Din hi r-raġuni għaliex, meta l-Palestinjani qed jerġgħu jibnu s-soċjetà tagħhom, l-Insara li hemm fosthom għandhom post definittiv f'dan il-proċess ta' rikostruzzjoni.

## Organizzazzjonijiet

Il-Palestina hi mbierka bil-preżenza ta' ħafna organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-soċjetà ċivili. Għal dawk l-Insara Palestinjani li jippreferu jaħdmu f'dawn l-organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet, hemm ħafna x'jikkontribwixxu. Fil-fatt, ħafna persuni akkademiċi u professjonisti jinsabu f'dawn l-istituzzjonijiet u jwettqu varjetà ta' funzjonijiet li għandhom l-iskop li jsaħħu n-natura demokratika, pluralista u miftuħa tas-soċjetà. L-awtorità governattiva nnifisha ma tistax tiddetermina n-natura tas-soċjetà. Il-Gvern hu biss biċċa waħda mill-ekwazzjoni. Hemm bżonn ukoll, għaldaqstant,



**Nixxiegħa ta' ilma fil-belt oażi ta' Geriko**



Niffriskaw fl-ilma ġieri! Insara palestinjani waqt pellegrinaġġ!

is-sehem u l-impenn taċ-ċittadini, li ġejjin minn kull twemmin u modi ta' ħajja, biex tkun żgurata soċjetà li hi mmexxija minn viżjoni ta' demokrazija, pluraliżmu u moħħ miftuħ. Hemm ħafna stennija xi ssir, imma biex naħsdu l-frott ta' din il-ħidma, irridu nkunu involuti fix-xogħol iebes. L-Insara Palestinjani, bil-kapaċitajiet, impenn, imħabba għall-komunità u identifikazzjoni mat-tħassib u l-problemi tagħha, huma mistennija jikkontribwixxu dak li jistgħu biex jiżguraw it-twettieq ta' din il-viżjoni ta' kif għandha tkun is-soċjetà Palestinjana. Dan hu mod wieħed kif jakkwistaw mhux sempliċement l-iskop ta' soċjetà ħielsa u demokratika imma wkoll kif jiżguraw preżenza Kristjana u ħajja ta' futur għall-komunità. L-alternattiva hi l-apatija u l-irtirar mill-ħajja pubblika u ċivili u ħidmiet li jkollhom konsegwenzi koroħ mhux biss għall-Insara Palestinjani nfushom imma wkoll għas-soċjetà kollha kemm hi.

### L-Insara Palestinjan u l-ħidma favur il-paċi

L-"opinion polls" fost il-Palestinjani jindikaw żewġ tendenzi li, għall-ewwel daqqa ta' għajn, jidhru kuntradittorji. Waħda turi d-diżappuntament tal-Palestinjani mir-riżultati konkreti tal-proċess ta' paċi u l-oħra turi li l-maġġoranza tal-Palestinjani jixitequ bil-qawwa li l-proċess ta' paċi jitkompla. Ir-riżultati konkreti li għalihom qed jirreferu l-Palestinjani għandhom x'jaqsmu mal-kontroll kontwinu ta' Israel u l-eġenomija fuq l-Art, fuq ir-riżorsi, u fuq il-moviment tal-Palestinjani biex jidħlu jew joħorġu fit-territorji tagħhom, kif ukoll mal-monopolju moħbi fuq l-ekonomija u fuq il-komponenti ta' importazzjoni u esportazzjoni. Mhux biss, imma l-Palestinjani huma ansjużi dwar dak li se jiġri mill-"final status" kruċjali fuq kwestjonijiet bħalma huma r-rifuġjati, il-belt ta' Ġerusalem u s-"settlements" Lhud u l-kolonji tagħhom fuq art Palestinjana.

Il-ħidma favur il-paċi fiddawl tad-diżappunti u l-frustrazzjoni tal-Palestinjani tidher li hi biċċa xogħol formidabbli. Sens ta' inġustizzja u ġerħat ta' snin imgħoddija għadhom stampati fuq il-Palestinjani li, filwaqt li ma jarawx triq oħra barra dik ta' negozjati ta' paċi, isibuha diffiċli li jinsew l-esperjenzi tagħhom ta' ġlied ma' l-Israeljani. Il-Palestinjani, inklużi dawk Insara, jemmnu li l-proċess ta' paċi hu inevitabbli imma jrid ikun akkumpanjat mir-rieda tan-naħa Israeljana li tagħraf l-inġustizzja storika li ħolqot kontra l-Palestinjani permezz tal-problema tar-rifuġjati. Id-dritt tar-ritorn tar-rifuġjati jrid jiġi magħruf u jrid isir ftehim fuq il-mekkaniżmu li jwassal lil dawk li jridu jirritornaw li jagħmlu dan.

Sadanittant ir-rifuġjati Palestinjani, irrispettivament mill-pajjiżi fejn jgħixu, ma għandhomx isofru jew jitilfu d-dinjità tagħhom bħala riżultat ta' qtugħ ta' "budgets" ta' UNRWA jew ta' restrizzjonijiet imposti minn gvernijiet li huma inkwetati minħabba l-possibilità ta' "settlements" permanenti ta' rifuġjati. Hi ċara li l-maġġoranza tar-rifuġjati ma jridux jibqgħu f'art barranija b'mod permanenti, u li n-negozjati dwar il-"final status" fuq din it-tema jridu jsibu modi kif jakkomodaw il-mijiet ta' eluf ta' rifuġjati li jikkontemplaw li jerġgħu lura fil-Palestina. L-Insara Palestinjani jqiegħdu r-responsabiltà tal-ħolqien tal-problema tar-rifuġjati Palestinjani fuq l-ispalla ta' Israel u jistennew li Israel jaffaċċja din ir-responsabiltà, fil-kuntest ta' ftehim dwar il-

"final status".

Problema oħra tniggeż hi l-belt ta' Ġerusalem. Il-Palestinjani jaraw ix-xaqliba tal-lvant ta' din il-belt bħala l-kapitali tagħhom. L-Insara Palestinjani jaqblu ma' l-opinjoni li l-belt ma għandhiex tinqasam mill-ġdid, imma li s-sovranità fuq il-belt trid tinħadem hekk li l-Palestinjani jkollhom is-sovranità fuq Ġerusalem tal-lvant u l-Israeljani fuq Ġerusalem tal-punent. Il-kwestjonijiet muniċipali jistgħu jiġu amministrati flimkien permezz ta' strutturi ta' amministrazzjoni li jiżguraw li ż-żewġ naħat ikollhom l-istess vuċi fid-deċiżjonijiet ta' kif għandha titmexxa l-belt. Fejn jidħlu t-tliet reliġjonijiet u l-Postijiet Qaddisa tagħhom, l-Insara Palestinjani jemmnu, bħall-maġġoranza tal-Palestinjani, li kull reliġjon trid ikollha d-dritt li tikkontrolla u tmexxi l-Postijiet Qaddisa tagħha.

Rigward is-"settlements" Lhud u l-kontroll li Israel għad għandu fuq l-Art, fuq l-ilma u fuq ir-riżorsi naturali l-oħrajn flimkien ma' l-ekonomija, il-paċi tkun tfisser li l-Palestinjani jkunu ħielsa li jiżviluppaw l-ekonomija tagħhom u li jikkontrollaw u jużaw ir-riżorsi tagħhom skond il-bżonnijiet tagħhom u b'rispett xieraq lejn il-bilanċ ambjentali u ekoloġiku. Sakemm is-"settlements" Lhud ikomplu u jibqgħu jiġu użati bħala skuża għall-konfiska ta' l-art, għall-metodi ta' kontroll u għall-preżenza kontinwa militari Israeljana, mela allura ma jistax ikun hemm paċi dejjiema. Il-ftehim dwar x'għandu jsir mis-"settlements" Israeljani fix-Xatt tal-Punent u fil-Medda ta' Gaza jrid jinħadem b'mod li jiġu mnaqqsin l-effetti diżastrużi li s-"settlements" dejjem jiżdiedu f'nofs żoni Palestinjani ta' densità kbira ta' popolazzjoni qed iħallu fuqna lkoll.

**Il-ħidma favur il-paċi u r-rikonċiljazzjoni: proċess bil-mod li jiddependi mill-Ġustizzja**

Wara dan kollu li għedna, il-ħidma favur il-paċi u r-rikonċiljazzjoni hi l-prijorità ta' kull ma jiġri fir-reġjun tagħna. Imma din il-ħidma hi proċess li jevolvi bil-mod u li mhux marbut sempliċement mal-flutwazzjoni fil-proċess ta' paċi, imma li jagħti aktar importanza lill-ġerħat li qed iweġġgħu lilna lkoll bħala individwi u komunitajiet, u li ġew kawżati minn konflitt kontinwu ma' l-Israeljani li ilu sejjer mitt sena. Il-ġlieda għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni timxi id f'id ma' l-insistenza fuq soluzzjoni ġusta li tintroduċi darba għal dejjem żmien ta' relazzjoni bilanċjata li ma tistax tiġri jekk l-Israeljani jkomplu jinsistu li jkollhom eġenomija fuq id-dettalji tal-ħajja tal-Palestinjani u l-Istat tagħhom. Il-Palestina



**L-insara Palestinjani migbura għal pellegrinaġġ fuq ix-Xmara Ġordan mgħassa minn suldati Lhud**

għandha bżonn li tkun Stat ħieles u, biss bħala tali, hi u ċ-ċittadini tagħha jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem fil-proċess tal-binja ta' paċi u r-rikonċiljazzjoni ma' l-għedewwa tal-bieraħ.

Bħala Insara Palestinjani, aħna ma nistgħux naħarbu mill-ħidma li naħdmu għall-paċi billi naraw li sseħħ il-ġustizzja. Il-viżjoni li għandna bħala Insara Palestinjani hi dik tal-Palestina li tista' tieqaf spalla ma' spalla ma' l-Istati l-oħrajn fir-reġjun. Il-moviment ħieles tan-nies u kummerċ bejn fruntieri iwassal għal ċertezza akbar fit-twettieq tal-proċess ta' paċi f'passi konkreti. Il-ftehim li jirriżultaw min-negozjati jridu jagħtu widen għall-fatt li l-problemi diskussi mhumiex teoriċi imma li jmissu l-esperjenzi, il-mod kif iħossuha u l-ħajjiet tan-nies. Jekk il-Palestinjani jitħallew bis-sentiment li l-ġustizzja ma twettqitx, meta jintemmu n-negozjati fuq il-"final status", allura ma nistgħux narqumentaw li l-paċi ġiet tassew konkluża ma' Israel.

Fid-dawl tal-problemi komplessi u tad-dimensjonijiet varji tal-ħidma favur il-paċi u r-rikonċiljazzjoni, l-Insara Palestinjani jridu jaffermaw il-pożizzjoni tagħhom u jaħdmu spalla ma' spalla mal-Palestinjani l-oħrajn ħuthom u ma' dawk l-Israeljani ta' rieda tajba li jridu jiżviluppaw viżjoni tal-ġejjieni ibbażata fuq il-ġustizzja u l-għarfien reċiproku. Jekk kull naħa ddawwar spallejha lejn l-oħra f'dan il-mument kruċjali ta' salib it-toroq fin-negozjati, iż-żmien li jkollna bżonn biex inġibu l-paċi vera jibqa' jittawwal b'mod indefinit. L-isfida issa hi kif naħdmu għall-paċi u għall-ġustizzja flimkien ma' dawk l-Israeljani li għandhom rieda tajba. L-isfida hi waħda iebsa ħafna imma jekk ma nilqgħuhiex nitilfu opportunità li jista' jkollha effetti diżastrużi għalina lkoll.

Il-millennju l-ġdid, almenu għall-ewwel għoxrin sena tas-seklu 21, jipprometti li jkun ta' importanza partikulari għas-soluzzjoni eventwali tal-konflitt Għarbi-Israeljan. L-isfidi ta' dawn is-snin li ġejjin se jkomplu jaffettwawna fil-ħajja tagħna ta' kuljum u fit-tħassib tagħna. It-tweġiba tagħna, bħala Insara Palestinjani, trid tkun organizzata u trid tiddaħħal fit-tweġiba akbar Palestinjana għall-istess sfidi. Ma nistgħux nieqfu: il-ħidma għall-ġejjieni titlob li aħna nkunu parti mis-soluzzjoni. Inkella, nispiċċaw biex inkunu parti mill-problema.

(Dr. Bernard Savella hu Professur tas-Soċjoloġija fl-Università ta' Betleħem, u jaqdi fid-Dipartiment tas-Servizz tar-Rifuġjati Palestinjani u fil-Kunsill tal-Knejjes tal-Lvant Nofsani)



Il-Papa Ġwanni Pawlu II, li hawn jidher jitlob quddiem il-maxtura ta' Betleħem, dan l-aħħar tkellem dwar IS-SILENZJU T'ALLA GĦAX DIŻGUSTAT BL-GĦEMIL TAL-BNIEDEM